ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 17

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

22 ta' Jannar 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro** ........ 1

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 45/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1339/2001 li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom** ........ 4

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro** ........ 5

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 47/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2183/2004 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro** ........ 7

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 48/2009 tal-21 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 8

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 49/2009 tal-21 ta' Jannar 2009 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni minn tat-12 sa tas-16 ta' Jannar 2009 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti tariffarji u tal-ftehimiet preferenzjali 10

(*Ikompli fil-paġna ta' wara*)

2

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 50/2009 tal-21 ta' Jannar 2009 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 ........................ 15

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 51/2009 tal-15 ta' Jannar 2009 li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda** ........................................ 17

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 52/2009 tal-21 ta' Jannar 2009 li jniedi reviżjoni ta' "esportatur ġdid" għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li jirrevoka d-dazju fir-rigward tal-importazzjonijiet minn esportatur wieħed f'dan il-pajjiż u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni** ........................................ 19

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 53/2009 tal-21 ta' Jannar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jaddotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skond l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32 u IAS 1** ([1]) ........................................ 23

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 54/2009 tal-21 ta' Jannar 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 669/97 fir-rigward tal-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità għal ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe** ........................ 37

---

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/42/PESK tad-19 ta' Jannar 2009 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-UE sabiex jiġi promoss il-proċess li jwassal għat-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi fost pajjiżi terzi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà** ........................................ 39

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002. Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Volum 6, p. 34)** ........................................ 45

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 44/2009

**tat-18 ta' Diċembru 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Europej, u b'mod partikolari t-tielet sentenza tal-Artikolu 123(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Europew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Europew [2],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 [3] jobbliga lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-istituzzjonijiet oħra relatati kollha sabiex jirtiraw miċ-ċirkolazzjoni l-karti ta' flus u l-muniti kollha tal-euro li huma rċevew u li dwarhom huma jkunu jafu jew għandhom raġunijiet suffiċjenti biex jaħsbu li huma foloz u biex jgħadduhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(2) Huwa importanti li tiġi garantita l-awtentiċità tal-karti ta' flus u l-muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-fornituri l-oħra ta' servizzi ta' pagament u aġenti ekonomiċi oħrajn li jieħdu sehem fit-trattament u l-kunsinna tal-karti ta' flus u tal-muniti għandhom jikkontrollaw l-awtentiċità tal-karti ta' flus u l-muniti tal-euro li jirċievu qabel ma johorġuhom fiċ-ċirkolazzjoni, sakemm ma joriġinawx minn istituzzjonijiet jew persuni oħra li huma wkoll suġġetti għall-obbligi ta' kontroll jew jekk inġabru minn awtoritajiet awtorizzati li johorġuhom. L-aġenti ekonomiċi l-oħra, bħan-negozjanti u l-każinò għandhom ikunu soġġetti ugwalment għal dawn l-obbligi meta huma jfornu f'kapaċità anċillari magni awtomatiċi tal-bank (magni għad-distribuzzjoni ta' flus kontanti), iżda mhux ser ikunu kkonċernati b'attivitajiet li jmorru lil hinn minn dawn sekondarji. Madankollu, dawn l-aġenti ekonomiċi jeħtieġu ż-żmien biex jadattaw l-organizazzjoni interna tagħhom biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligu li jwettqu kontrolli ta' awtentiċità. Fir-rigward tal-karti ta' flus, il-proċeduri ddefiniti għall-Istati Membri li jkunu adottaw l-euro bħala l-munita unika tagħhom jistgħu ugwalment jikkonċernaw l-adegwatezza tal-karti ta' flus ivverifikati għaċ-ċirkolazzjoni.

(3) Sabiex tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-karti ta' flus u l-muniti tal-euro, l-ewwelnett huwa meħtieġ li t-tagħmir użat għal dan il-fini jiġi aġġustat adegwatament. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-kwantitajiet ta' karti ta' flus foloz u ta' muniti foloz meħtieġa għall-aġġustamenti tat-tagħmir użat għall-kontrolli ta' awtentiċità jkunu disponibbli fil-post fejn it-tagħmir jiġi ttestjat. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu awtorizzati t-trasferimenti tal-karti ta' flus u muniti foloz bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Europea.

(4) Iċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Europew (CTSE) ġie stabbilit formalment fi ħdan il-Kummissjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/861/KE [4] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2005/37/KE [5]. Id-dispożizzjoni li tipprevedi li s-CTSE jikkomunika *data* lill-Kummissjoni m'għadhiex meħtieġa.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2001 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

[1] ĠU C 27, 31.1.2008, p. 1.

[2] L-Opinjoni tas-17 ta' Diċembru 2008 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Opinjoni mogħtija bħala riżultat ta' konsultazzjoni mhux obbligatorja.

[3] ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 li tikkonċerna l-analiżi u l-koperazzjoni fir-rigwrad ta' muniti foloz ta' l-euro (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 44).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi ċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) u tistipula l-koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet tekniċi bil-għan li thares il-muniti ta' l-euro mill-iffalsifikar (ĠU L 19, 21.1.2005, p. 73).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2001 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt c) huwa sostitwit bit-test li ġej:

"(c) "istituzzjonijiet ta' kreditu" għandhom ifissru l-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-punt 1(a) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-eżerċizzju tagħhom (*).

(*) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.";

(b) għandu jiżdied il-punt li ġej:

"(g) "fornituri ta' servizzi ta' pagament", għandhom ifissru l-fornituri ta' sevizzi ta' pagament msemmija fl-Artikolu 1(1), tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern (*).

(*) ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.";

2. l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"Obbligu tat-trasmissjoni ta' karti ta' flus iffalsifikati";

(b) is-sentenzi li ġejjin għandhom jiżdiedu fit-tmiem tal-paragrafu 2:

"Biex tkun iffaċilitata l-verifika tal-awtentiċità tal-karti ta' flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, għandhom ikunu permessi t-trasferimenti ta' karti ta' flus foloz bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll l-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Europea. Matul it-trasport, il-karti ta' flus foloz għandhom ikunu akkumpanjati f'kull ħin minn ordnijiet ta' trasport li għal dan il-għan jaslu minn awtoritajiet, istituzzjonijiet u korpi msemmijin hawn fuq.";

(ċ) is-sentenza li ġejja għandha tiżdied fit-tmiem tal-paragrafu 3:

"Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jittrasmettu lis-CAN, u, jekk ikun il-każ, lill-BĊE, biex jeżaminaw jew jivverifikaw, parti minn lott ta' dawn il-karti ta' flus.".

3. l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"Obbligu tat-trasmissjoni ta' muniti ffalsifikati";

(b) is-sentenzi li ġejjin għandhom jiżdiedu fit-tmiem tal-paragrafu 2:

"Sabiex tiġi ffaċilitata l-verifika tal-awtentiċità tal-muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, huma awtorizzati t-trasferimenti ta' muniti foloz bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Europea. Matul it-trasport, il-muniti foloz għandhom ikunu akkumpanjati f'kull ħin minn ordnijiet ta' trasport li għal dan il-għan jaslu minn awtoritajiet, istituzzjonijiet u korpi msemmijin hawn fuq.";

(c) is-sentenza li ġejja għandha tiżdied fit-tmiem tal-paragrafu 3:

"Madankollu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jittrasmettu lis-CNAP, u, jekk ikun il-każ, lis-CTSE, parti minn lott ta' dawn il-muniti biex jeżaminawh jew jittestjawh.";

(d) il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"4. Is-CTSE għandu janalizza u jikklassifika kull tip ġdid ta' munita euro ffalsifikata. Għal dan il-għan, is-CTSE għandu jkollu aċċess għad-*data* teknika u ta' statistika miżmuma fil-BĊE dwar muniti tal-euro ffalsifikati. Is-CTSE għandu jgħaddi r-riżultati finali rilevanti tal-analiżi tiegħu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, skont l-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi, lill-BĊE. Il-BĊE għandu jgħaddi dan ir-riżultat lill-Europol, f'konformità mal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3.".

4. l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"Obbligi relattivi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jieħdu sehem fit-trattament u l-kunsinna lill-pubbliku ta' karti ta' flus u muniti";

(b) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u, fil-limitu tal-attività ta' pagament tagħhom, il-fornituri l-oħra ta' servizzi ta' pagament, kif ukoll l-aġenti ekonomiċi l-oħra kollha li jieħdu sehem fit-trattament u l-kunsinna lill-pubbliku ta' karti ta' flus u muniti, li jinkludu:

— l-istituzzjonijiet li l-attivitajiet tagħhom jikkonsistu fl-iskambju ta' karti ta' flus u muniti ta' kambji differenti, bħal uffiċji tal-kambju,

— it-trasportaturi ta' fondi,

— l-aġenti ekonomiċi l-oħra, bħan-negozjanti u l-każinò, involuti b'mod sekondarju fit-trattament u l-kunsinna lill-pubbliku ta' karti ta' flus permezz ta' magni bankarji awtomatiċi (magni għad-distribuzzjoni ta' flus kontanti), fil-limitu ta' dawn l-attivitajiet sekondarji.

għandu jkollhom l-obbligu li jiżguraw l-awtentiċità tal-karti ta' flus u l-muniti tal-euro li jirċievu u jkun bi ħsiebhom li jqiegħdu mill-ġdid fiċ-ċirkolazzjoni u li joqogħdu attenti biex jinstabu flus foloz.

Għall-karti ta' flus tal-euro, dan il-kontroll għandu jsir f'konformità mal-proċeduri ddefiniti mill-BĊE (*).

L-istituzzjonijiet u l-aġenti ekonomiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom l-obbligu li jirtiraw miċ-ċirkolazzjoni l-karti ta' flus u l-muniti tal-euro kollha li jkunu rċevew li jkunu jafu, jew li għandhom biżżejjed raġunijiet għalfejn jaħsbu li huma foloz. Huma għandhom jgħadduhom immedjatament lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(*) Ara l-Qafas għall-kxif ta' karti tal-flus foloz u ssortjar skond il-kondizzjoni tal-karti tal-flus minn istituzzjonijiet ta' kreditu u cash handlers professjonali oħra, disponibbli fis-sit tal-Internet tal-BĊE hawnhekk: http://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/other/recycling eurobanknotes2005mt.pdf";

(c) għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. B'deroga mid-dispożizzjonijiet fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, fl-Istati Membri li m'għandhomx l-euro bħala l-munita unika tagħhom, il-kontroll tal-awtentiċità tal-karti ta' flus u l-muniti tal-euro għandu jsir:

— jew minn persunal imħarreġ;

— jew minn magna għat-trattament ta' karti ta' flus u muniti li tidher fil-lista ppubblikata mill-BĊE (**) għall-karti ta' flus jew mill-Kummissjoni għall-muniti (***).

(**) Il-lista pubblikata mill-BĊE hija disponibbli fis-sit tal-Internet hawnhekk: http://www.ecb.int/euro/cashhand/devices/results/html/index.fr.html

(***) Il-lista pubblikata mill-Kummissjoni hija disponibbli fis-sit tal-Internet hawnhekk: http://ec.europa.eu/anti_fraud/pages_euro/euro-coins/machines.pdf";

(d) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għad-dati stabbiliti mill-BĊE għall-applikazzjoni tal-proċeduri definiti minnu, l-Istati Membri għandhom jadottaw, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-BĊE b'dan minnufih.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha konformement mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 45/2009

## tat-18 ta' Diċembru 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1339/2001 li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1339/2001 [1] l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 [2] ġiet estiża għall-Istati Membri li mhumiex l-Istati Membri parteċipanti elenkati fir-Regolament (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro [3].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2001 ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 44/2009 [4]. Madankollu, jeħtieġ li l-euro jiġi protett ukoll f'dawk l-Istati Membri li m'adottawhx bħala l-valuta unika u huwa kunsiljabbli li jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għal dan il-għan, b'rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2001 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1339/2001 huwa sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 1*

L-applikazzjoni tal-Artikoli 1 sa 11 tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 kif ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 44/2009 (*) hija b'dan estiża għall-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom.

(*) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

(1) ĠU L 181, 4.7.2001, p. 11.
(2) ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.
(3) ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap 10, Vol 1, p. 111).
(4) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 46/2009
## tat-18 ta' Diċembru 2008
## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari it-tielet sentenza tal-Artikolu 123(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 ([2]) jipprojbixxi l-midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro. L-esperjenza li nkisbet bl-implimentazzjoni tal-projbizzjoni ta' midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro enfasizzat il-ħtieġa li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet protettivi u li tagħmel il-proċess deċiżjonali aktar trasparenti.

(2) Il-pubbliku in ġenerali jista' jiġi mqarraq li ċerti midalji jew tokens ikollhom status ta' valuta legali mhux biss meta jkollhom disinn simili għall-muniti tal-euro, iżda wkoll meta jkollhom ċerti elementi tad-disinji li jidhru fuq dawn il-muniti. Għalhekk, l-elementi speċifiċi tad-disinji li jidhru fuq il-muniti tal-euro li għandhom valuta legali m'għandhomx jiġu riprodotti bil-mod li huma rappreżentati fuq il-muniti tal-euro. Barra minn hekk, is-simboli rappreżentattivi tas-sovranità tal-Istat Membru li joħroġ il-muniti m'għandhomx jiġu riprodotti fuq midalji jew tokens bl-istess mod li huma rappreżentati fuq il-muniti tal-euro.

(3) Wara li kkonsultat l-esperti fil-falsifikazzjoni tal-muniti previsti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/37/KE tad-29 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi ċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) u tistipula l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tekniċi bil-għan li tħares il-muniti tal-euro mill-iffalsifikar ([3]), il-Kummissjoni tindika jekk id-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 2182/2004 humiex rispettati u jekk oġġett metalliku huwiex midalja jew token.

(4) Il-kriterji speċifiċi li jiġu applikati mill-Kummissjoni għad-dikjarazzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni għandhom jiġu ċċarati u stabbiliti.

(5) Ir-riskju li midalja jew token li fuqha jidhru t-termini "euro", "ċenteżmu tal-euro" jew is-simbolu tal-euro tiġi mfixkla ma' munita ta' valuta legali huwa akbar meta jkun hemm ukoll valur nominali assoċjat ma' tali midalja jew token. Għalhekk, f'każijiet bħal dawn, l-indikazzjoni "mhix valuta legali" għandha titqiegħed fuq il-wiċċ ta' fuq jew ta' taħt tal-midalja jew token konċernata.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 2182/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendamenti**

Ir-Regolament (KE) Nru 2182/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet ta' protezzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 3 u 4, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' midalji u tokens, u l-importazzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom għall-bejgħ jew għal finijiet kummerċjali oħra, huma pprojbiti fiċ-ċirkostanzi indikati hawn taħt:

(a) meta t-termini 'euro', 'ċenteżmu tal-euro' jew is-simbolu tal-euro jidher fuq il-wiċċ tagħhom;

(b) meta d-daqs tagħhom jaqa' fl-istrixxa ta' referenza; jew

(ċ) meta fuq il-wiċċ hemm disinn simili għal:

(i) kwalunkwe disinn, jew partijiet minnu, li jidher fuq il-wiċċ ta' muniti tal-euro, b'mod partikolari t-termini 'euro' jew 'ċenteżmu tal-euro', it-tnax-il stilla tal-Unjoni Ewropea, ix-xbieha tar-rappreżentazzjoni ġeografika u n-numri, bl-istess mod kif jidhru fuq il-muniti tal-euro;

(ii) dawk is-simboli li jirrappreżentaw is-sovranità nazzjonali tal-Istati Membri, bl-istess mod kif inhuma rappreżentati fuq il-muniti tal-euro, b'mod partikolari x-xbiha tal-Kap tal-Istat, l-armi, il-marki taz-zekka, il-marki tal-mastru taz-zekka, l-isem tal-Istat Membru;

(iii) il-forma jew id-disinn tat-tarf tal-muniti tal-euro; jew

(iv) is-simbolu tal-euro.

([1]) ĠU C 283, 7.11.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 19, 21.1.2005, p. 73. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 269M, 14.10.2005, p. 285.

2. Il-Kummissjoni għandha tindika:

(a) jekk oġġett metalliku jistax jitqies bħala midalja jew token fis-sens tal-Artikolu 1(c);

(b) jekk midalja jew token jaqawx fl-ambitu tal-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis, b'mod partikolari, il-kwantitajiet ta' midalji u tokens prodotti, il-prezz tal-bejgħ, l-ippakkjar, l-iskrizzjonijiet fuq il-midalji u tokens, u r-riklamar li jsir fir-rigward tagħhom.".

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"1. Il-midalji u t-tokens li fuqhom jidhru t-termini 'euro', 'ċenteżmu tal-euro' jew is-simbolu tal-euro mingħajr valur nominali assoċjat m'għandhomx ikunu pprojbiti meta d-daqs tagħhom huwa barra mill-istrixxa ta' referenza, sakemm il-wiċċ m'għandux disinn simili għal wieħed mill-elementi previsti fl-Artikolu 2(1)(c).".

(3) L-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 4*

**Derogi b'awtorizzazzjoni**

Il-Kummissjoni tista' tagħti awtorizzazzjonijiet speċifiċi li jippermettu l-użu tat-termini 'euro' jew 'ċenteżmu tal-euro', jew is-simbolu tal-euro fuq il-wiċċ tal-midalji u tat-tokens, taħt kondizzjonijiet ikkontrollati ta' użu, sakemm ma hemm l-ebda riskju ta' konfużjoni. F'każijiet bħal dawn, l-operatur ekonomiku kkonċernat fi Stat Membru għandu jkun identifikabbli b'mod ċar fuq il-wiċċ tal-midalja jew tat-token u, meta l-midalja jew it-token ikollha valur nominali assoċjat, l-indikazzjoni 'mhijiex valuta legali' għandha tkun stampata fuq il-wiċċ ta' fuq jew ta' taħt tal-midalja jew it-token.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha, konformement mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 47/2009

## tat-18 ta' Diċembru 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2183/2004 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 123(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2183/2004 [2] estenda l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 [3] għall-Istati Membri li mhumiex l-Istati Membri parteċipanti elenkati fir-Regolament (KE) Nru 974/98 tat-3 Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro [4].

(2) Ir-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 2182/2004 ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 46/2009 [5]. Jeħtieġ li r-regoli dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro li jkollhom disinn simili għall-muniti tal-euro jkunu uniformi fil-Komunità kollha u huwa kunsiljabbli li jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għal dan il-għan.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2183/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2183/2004 huwa b'dan sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 1*

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2182/2004 kif ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 46/2009 (*) hija b'dan estiża għall-Istati Membri li mhumiex l-Istati Membri parteċipanti elenkati fl-Artikolu 1(a) r-Regolament (KE) Nru 974/98.

(*) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 5)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

[1] ĠU C 283, 7.11.2008, p. 1.
[2] ĠU L 373, 21.12.2004, p. 7.
[3] ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1.
[4] ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1 (L-Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap 10, Vol 1, p. 111).
[5] Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 48/2009

## tal-21 ta' Jannar 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ta' fit-22 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 138,6 |
| | JO | 75,8 |
| | MA | 44,4 |
| | TN | 134,4 |
| | TR | 99,6 |
| | ZZ | 98,6 |
| 0707 00 05 | JO | 155,5 |
| | MA | 116,0 |
| | TR | 132,3 |
| | ZZ | 134,6 |
| 0709 90 70 | MA | 164,3 |
| | TR | 98,4 |
| | ZZ | 131,4 |
| 0805 10 20 | EG | 56,8 |
| | IL | 49,6 |
| | MA | 64,1 |
| | TN | 61,5 |
| | TR | 62,6 |
| | ZZ | 58,9 |
| 0805 20 10 | MA | 91,6 |
| | ZZ | 91,6 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 63,5 |
| | EG | 88,6 |
| | IL | 68,2 |
| | JM | 93,4 |
| | PK | 46,6 |
| | TR | 77,2 |
| | ZZ | 72,9 |
| 0805 50 10 | EG | 52,5 |
| | MA | 67,1 |
| | TR | 63,2 |
| | ZZ | 60,9 |
| 0808 10 80 | CN | 79,9 |
| | MK | 32,6 |
| | TR | 67,5 |
| | US | 104,9 |
| | ZZ | 71,2 |
| 0808 20 50 | CN | 66,8 |
| | KR | 148,7 |
| | TR | 97,0 |
| | US | 118,2 |
| | ZZ | 107,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 49/2009

## tal-21 ta' Jannar 2009

## li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni minn tat-12 sa tas-16 ta' Jannar 2009 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti tariffarji u tal-ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi, għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, regoli dettaljati għall-applikazzjoni għall-importazzjoni u l-irfinar ta' prodotti tas-settur taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u ċerti ftehimiet preferenzjali ([2]), u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) Applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni tressqu lill-awtoritajiet kompetenti fil-perjodu minn tat-12 sa tas-16 ta' Jannar 2009 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u/jew ir-Regolament (KE) Nru 508/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jiftaħ kwoti ta' tariffi għall-importazzjonijiet fil-Bulgarija u r-Rumanija taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat għal provvista lil raffineriji fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 ([3]), għal kwantità totali li hija daqs, jew aktar minn, dik disponibbli għan-numru tas-serje 09.4319.

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skont il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u/jew tinforma lill-Istati Membri li jkun intlaħaq il-limitu li kien iffissat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa minn tat-12 sa tas-16 ta' Jannar 2009 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u/jew l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007, għandhom jinħarġu liċenzji fil-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1.

([3]) ĠU L 122, 11.5.2007, p. 1.

*ANNESS*

**Zokkor Preferenzjali; l-AKP u l-Indja**

**Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/09**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 12.1.2009-16.1.2009 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliż | 100 | |
| 09.4333 | Il-Kosta tal-Avorju | 100 | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | 100 | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Il-Ġeorġja | 100 | |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 100 | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 100 | |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 0 | Intlaħqu |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Surinam | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 0 | Intlaħqu |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 100 | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | 100 | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 100 | |

**Zokkor Preferenzjali; l-AKP u l-Indja**

**Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq Lulju-Settembru 2009**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 12.1.2009-16.1.2009 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | — | |
| 09.4332 | Il-Beliż | — | |
| 09.4333 | Il-Kosta tal-Avorju | — | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | — | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | — | |
| 09.4336 | Il-Ġeorġja | — | |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | — | |
| 09.4339 | Il-Kenja | — | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | — | |
| 09.4341 | Il-Malawi | — | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | — | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 100 | |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Surinam | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | — | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | — | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | — | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | — | |

**Zokkor kumplementari**

**Il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/09**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 12.1.2009-16.1.2009 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4315 | L-Indja | — | |
| 09.4316 | Pajjiżi firmatarji tal-Protokoll AKP | — | |

**Zokkor konċessjonijiet CXL**

**Il-Kapitolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 12.1.2009-16.1.2009 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4318 | Il-Brażil | 0 | Intlaħqu |
| 09.4319 | Kuba | 100 | Intlaħqu |
| 09.4320 | Pajjiżi terzi oħra | 0 | Intlaħqu |

**Zokkor Balkani**

**Il-Kapitolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 12.1.2009-16.1.2009 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | 100 | |
| 09.4325 | Il-Bożnja u Ħerzegovina | 0 | Intlaħqu |
| 09.4326 | Is-Serbja u l-Kosovo (*) | 100 | |
| 09.4327 | L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | 100 | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | 100 | |

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

**Zokkor ta' importazzjoni eċċezzjonali u industrijali**

**Il-Kapitolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Tip | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 12.1.2009-16.1.2009 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | Eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | 100 | |

**Zokkor APE supplimentari**

**Il-Kapitolu VIII bis tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 12.1.2009-16.1.2009 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4431 | Il-Komoros, Il-Madagaskar, Il-Mawrizju, is-Seychelles, Iż-Żambja, iż-Żimbabwe | 100 | |
| 09.4432 | Il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, l-Uganda | 100 | |
| 09.4433 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4434 | Il-Możambik | 0 | Intlaħqu |
| 09.4435 | Antigwa u Barbuda, il-Baħamas, il-Barbados, il-Beliż, Dominika, ir-Repubblika id-Dominikana, Grenada, il-Gujana, Ħaiti, il-Ġamajka, Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, u l-Grenadini, is-Surinam, it-Trinidad u Tobago | 0 | Intlaħqu |
| 09.4436 | Ir-Repubblika Dominikana | 0 | Intlaħqu |
| 09.4437 | Il-Fiġi, il-Papwa-Ginea Ġdida | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija**

**L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Tip | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 12.1.2009-16.1.2009 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4365 | Il-Bulgarija | 0 | Intlaħqu |
| 09.4366 | Ir-Rumanija | 100 | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 50/2009

## tal-21 ta' Jannar 2009

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 [3]. Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 10/2009 [4].

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan mmodifikati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-22 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
[3] ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.
[4] ĠU L 4, 8.1.2009, p. 5.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-22 ta' Jannar 2009**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 24,73 | 3,93 |
| 1701 11 90 (1) | 24,73 | 9,17 |
| 1701 12 10 (1) | 24,73 | 3,74 |
| 1701 12 90 (1) | 24,73 | 8,74 |
| 1701 91 00 (2) | 26,92 | 11,77 |
| 1701 99 10 (2) | 26,92 | 7,25 |
| 1701 99 90 (2) | 26,92 | 7,25 |
| 1702 90 95 (3) | 0,27 | 0,38 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 51/2009

## tal-15 ta' Jannar 2009

## li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-merkanzija msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li żżid magħha kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bilħsieb li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanizja msemmija filkolonna 1 tat-tabella mfassla fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Hu xieraq li jkun stipulat li informazzjoni dwar it-tariffi li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li hi marbuta mal-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għall-perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-oġġetti | Klassifikazzjoni (Il-kodiċi tan-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Oġġett rettangolari kkuttunat, b'dimensjonijiet ta' bejn wieħed u ieħor 260 ċm × 240 ċm, li jikkonsisti fi tliet saffi, iż-żewġ saffi ta' barra tal-qoton u s-saff tan-nofs ta' mili sintetiku li jikkostitwixxi l-parti interna. Is-saff ta' fuq għandu bordura meħjuta ta' madwar 30 ċm wisa', ta' kulur kontrastanti. Is-saffi jinżammu flimkien bi ħjata dekorattiva.<br><br>(kutra ta' fuq għas-sodda)<br><br>(Ara r-ritratt Nru 645) (*) | 9404 90 90 | Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1(s) għas-Sezzjoni XI u t-test tal-kodiċijiet tan-NM 9404, 9404 90 u 9404 90 90.<br><br>L-oġġetti ta' friex u tagħmir ieħor li huma mimlija bi kwalunkwe materjal għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 9404 90. Ara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HS) għall-intestatura 9404 (B) u (B)(2), li jsemmu b'mod espliċitu l-kwilts u l-għatjiet tas-sodda.<br><br>Il-klassifikazzjoni fl-intestatura 6304 hija eskluża għaliex it-Taqsima XI ma' tkoprix oġġetti tal-friex tal-Kapitolu 94 (ara n-nota 1(s) tat-Taqsima XI). Barra minn hekk, l-intestatura 6304 teskludi oġġetti ta' tagħmir ta' l-intestatura 9404 bħala kutra ta' fuq tas-sodda (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni ta' l-HS għall-intestatura 6304, it-tieni paragrafu).<br><br>Għaldaqstant l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-Kodiċi NM 9404 90 90. |

(*) Ir-ritratt huwa għal skopijiet ta' tagħrif biss.



# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 52/2009

## tal-21 ta' Jannar 2009

## li jniedi reviżjoni ta' "esportatur ġdid" għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li jirrevoka d-dazju fir-rigward tal-importazzjonijiet minn esportatur wieħed f'dan il-pajjiż u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. TALBA GHAL REVIŻJONI

(1) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għal reviżjoni ta' "esportatur ġdid" skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. L-applikazzjoni tressqet minn Crown Equipment (Suzhou) Co. Ltd ("l-applikant"), produttur esportatur fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ('il-pajjiż ikkonċernat').

### B. PRODOTT

(2) Il-prodott li tiegħu qed issir reviżjoni huwa pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri xażi u hajdroliks, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, bħalissa kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 8427 90 00 u 8431 20 00. Il-pallet trucks tal-idejn huma ddefiniti bħala trakkijiet b'roti li jirfdu dirgħajn forma ta' furketta li jerfgħu għat-tqandil tal-pallets, iddisinjati biex jiġu mbuttati, miġbuda u mmexxija bl-idejn, fuq wiċċ lixx, invell u iebes, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. Il-pallet trucks tal-idejn huma ddisinjati biss biex jgħollu t-tagħbija, billi jippompjaw il-laċċ, sa għoli biżżejjed għall-ġarr u ma għandhom l-ebda funzjoni jew użu addizzjonali ieħor bħal, per eżempju, (i) biex iġorru u jerfgħu t-tagħbija biex ipoġġuha aktar fl-għoli jew jgħinu fil-ħżin tat-tagħbija (highlifters), (ii) biex jistivaw pallet wieħed fuq l-ieħor (stackers), (iii) biex jerfgħu t-tagħbija għal livell fejn isir ix-xogħol (scissor lifts); jew (iv) biex jerfgħu u jiżnu t-tagħbijiet (weighing trucks) ("il-prodott konċernat").

### C. MIŻURI EŻISTENTI

(3) Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 [2] li skond dan l-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, inkluż il-prodott ikkonċernat prodott mill-applikant, huma suġġetti għal dazju anti-dumping definittiv ta' 46,7 % bl-eċċezzjoni ta' bosta kumpaniji msemmija b'mod speċjali li huma suġġetti għal rati ta' dazju individwali.

### D. IL-BAŻIJIET GHAR-REVIŻJONI

(4) L-applikant jallega li hi topera taħt il-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kif definit fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku. Hu jkompli jallega li ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu kienu bbażati l-miżuri anti-dumping, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004 ("il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali") u li mhu relatat mal-ebda produtturi esportaturi tal-prodott li huma suġġetti għall-miżuri anti-dumping imsemmija hawn fuq.

(5) L-applikant jallega wkoll li beda jesporta l-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità wara t-tmiem tal-perjodu investigattiv oriġinali.

### E. IL-PROĊEDURA

(6) Il-produtturi Komunitarji magħrufa li huma kkonċernati kienu infurmati bl-applikazzjoni ta' hawn fuq u ngħataw l-opportunità li jikkumentaw. Ma waslu l-ebda kummenti.

(7) Wara li eżaminat il-provi disponibbli, il-Kummissjoni ikkonkludiet li hemm provi biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni "esportatur ġdid", skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku Wara li waslet it-talba msemmija isfel taħt 8(c), ikun iddeterminat jekk l-applikant joperax taħt kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kif definit fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku jew alternattivament jekk l-applikant jissodisfax ir-rekwiżiti biex ikollu dazju individwali stabbilit skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Jekk inhu hekk, il-marġini individwali ta' dumping tal-applikant ikun ikkalkolat u, jekk jinstab li sar dumping, il-livell tad-dazju li għalih għandha tkun suġġetta l-importazzjoni tiegħu fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat għandu jiġi determinat.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

[2] ĠU L 189, 21.7.2005, p. 1.

(8) Jekk jiġi deċiż li l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit dazju individwali, jista' jkun hemm bżonn li ssir emenda fuq ir-rata ta' dazju applikabbli bħalissa għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-kumpaniji mhux imsemmija individwalment fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1174/2005.

(a) **Il-kwestjonarji**

Sabiex tkun tista' tikseb it-tagħrif neċessarju għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant.

(b) **Il-ġbir ta' tagħrif u s-smigħ ta' seduti**

Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, dejjem jekk jagħmlu talba bil-miktub li turi li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

Qed tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju tal-parti l-kbira tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependu minn jekk il-partijiet jippreżentawx ruħhom matul il-perjodu stipulat mir-Regolament attwali.

(c) **Trattament tal-ekonomija tas-suq/trattament individwali**

Fl-eventwalità li l-applikant jipprovdi biżżejjed evidenza li turi li huwa jopera taħt kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, jiġifieri li jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku, il-valur normali jkun iddeterminat skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, għandhom jintbagħtu talbiet sostanzjati kif xieraq fil-limitu taż-żmien speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni se tibgħat formoli ta' talba lill-applikant, kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Din il-formula għat-talbiet tista' tintuża mill-applikant biex jitolbu trattament individwali, jiġifieri li din tissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(d) **L-għażla tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq**

Fl-eventwalità li l-applikant ma jingħatax trattament ta' ekonomija tas-suq imma jissodisfa r-rekwiżiti li jkollu dazju individwali stabbilit skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, jintuża pajjiż addattat b'ekonomija tas-suq għall-fini li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni tipproponi li terġa' tuża lill-Kanada għal dan l-għan kif sar fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna biex jikkummentaw dwar kemm din l-għażla hija xierqa, fil-limitu taż-żmien speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament.

Barra minn hekk, fl-eventwalità li l-applikant jingħata trattament ta' ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni tista', jekk huwa meħtieġ, anke tuża' sejbiet li jikkonċernaw il-valur normali stabbilit f'pajjiż adattat b'ekonomija tas-suq, eż. bl-għan li jinbidel kull prezz li mhux kredibbli jew elementi ta' prezz fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma meħtieġa biex jiġi stabbilit il-valur normali, jekk data kredibbli meħtieġa mhijiex disponibbli fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-Kummissjoni tipproponi li tuża lill-Kanada wkoll għal dan l-għan.

F. **REVOKA TAD-DAZJU FIS-SEĦĦ U R-REĠISTRAZZJONI TAL-IMPORTAZZJONIJIET.**

(9) Skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, id-dazju anti-dumping fis-seħħ għandu jiġi revokat fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li huma prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mill-applikant. Fl-istess ħin, tali importazzjonijiet għandhom isiru suġġetti għar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, sabiex jiġi assigurat li, jekk ir-riżultat tar-reviżjoni juri sejba ta' dumping b'rispett lejn l-applikant, id-dazji anti-dumping jistgħu jiġu imposti retroattivament mid-data tal-bidu ta' din ir-reviżjoni. L-ammont tar-responsabilitajiet ġejjiena possibbli tal-applikant ma jistax jiġi stmat f'dan l-istadju tal-proċediment.

G. **LIMITI TA' ŻMIEN**

(10) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien li matulhom:

(a) il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa lilll-Kummissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jissottomettu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa 8(a) ta' dan ir-Regolament jew jipprovdu kwalunkwe tagħrif ieħor li għandu jitqies waqt l-investigazzjoni;

(b) il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni;

(c) il-partijiet interessati fl-investigazzjoni jistgħu jikkummentaw dwar l-adegwatezza tal-Kanada li, fl-eventwalità li l-applikant ma jingħatax stat ta' ekonomija tas-suq, tkun meqjusa bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq għall-fini li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina,

(d) l-applikant għandu jissottometti talba ssostanzjata kif xieraq għal trattament ta' ekonomija tas-suq u/jew għal trattament individwali skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

## H. NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI

(11) F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fil-limiti ta' żmien, jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

(12) Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni għandha titwarrab u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss b'mod parzjali, u jsir użu mill-fatti disponibbli, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

## I. IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI

(13) Huwa innotat li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skond ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta. [1]

## J. L-UFFIĊJAL TAS-SMIGĦ

(14) Huwa innotat ukoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex iħaddmu d-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduti tad-DĠ Kummerċ. Huwa jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn hemm bżonn, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'din il-proċedura, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament tas-sottomissjonijiet tal-fehmiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni fuq l-internet tal-Uffiċjal tas-Smigħ fuq il-websjat tad-DĠ Trade (http://ec.europa.eu/trade),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

B'dan qed titnieda reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 biex jiġi ddetermiat jekk u sa liema punt l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00 (kodiċijiet TARIC 8427 90 00 11, 8427 90 00 19, 8431 20 00 11 u 8431 20 00 19) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità minn Crown Equipment (Suzhou) Co. Ltd. (Kodiċi addizzjonali TARIC A929) għandhom ikunu suġġetti għad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, il-pallet trucks tal-idejn għandhom ikunu trakkijiet b'roti li jirfdu l-lifting fork arms għat-tqandil tal-pallets, iddisinjati biex jiġu mbuttati, miġbuda u mmexxija bl-idejn, fuq uċuħ lixxi, invell u iebes, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. Il-pallet trucks tal-idejn huma ddisinjati biss biex jgħollu t-tagħbija, billi jippompjaw il-laċċ, sa għoli biżżejjed għall-ġarr u ma għandhom l-ebda funzjoni jew użu addizzjonali ieħor bħal, per eżempju, (i) biex iġorru u jerfgħu t-tagħbija biex ipoġġuha aktar fl-għoli jew jgħinu fil-ħżin tat-tagħbija ("highlifters"),(ii) biex jistivaw pallet wieħed fuq l-ieħor ("stackers"), (iii) biex jerfgħu t-tagħbija għal livell fejn isir ix-xogħol ("scissor lifts") jew (iv) biex jerfgħu u jiżnu t-tagħbija ("weighing trucks").

### *Artikolu 2*

Id-dazju anti-dumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 huwa b'dan imħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament preżenti.

### *Artikolu 3*

L-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri huma b'dan ordnati, skond l-Artikolu 14(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 4*

1. Il-partijiet interessati, biex jitqiesu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom matul l-investigazzjoni, iridu jippreżentaw ruħhom lill-Kumissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju msemmi fil-premessa 8(a) ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe tagħrif ieħor, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, fi żmien 40 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Qed tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju tal-biċċa l-kbira tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku tiddependi fuq kemm il-parti tippreżenta ruħha matul il-perjodu msemmi qabel. Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fi żmien l-istess limitu ta' 40 jum.

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

2. Il-partijiet involuti fl-investigazzjoni li jkunu jridu jikkummentaw dwar l-adegwatezza tal-Kanada li hu propost bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq għall-fini li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għandhom iressqu l-kummenti tagħhom fi żmien 10 ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Talbiet sostanzjati kif xieraq għal trattament ta' ekonomija tas-suq u/jew trattament individwali għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 40 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-email, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Kull sottomissjoni bil-miktub, li tinkludi l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet tal-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati bħala *"Ristretti"* [1] u, skond l-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, għandha tkun akkumpanjata b'verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "GĦALL-ISPEZZJONI MILL-PARTIJIET INTERESSATI".

Kwalunkwe tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni u/jew kwalunkwe talba għal seduta għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Id-Direttorat H
Uffiċċju: N-105 4/92
B-1040 Brussell
Fax (32 2) 295 65 05

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Catherine ASHTON
*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Huwa protett skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skond l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim Anti-dumping ).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 53/2009

## tal-21 ta' Jannar 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jaddotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skond l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32 u IAS 1

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ([2]) ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fl-14 ta' Frar 2008, il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ippubblika l-emendi għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32 Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni u IAS 1 Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji – Strumenti Finanzjarji Puttable u Obbligi li Joħorġu minn Likwidazzjoni, hawn taħt imsejħa "emendi għall-IAS 32 u IAS 1". L-emendi jeħtieġu ċerti strumenti maħruġa minn kumpaniji li jkunu attwalment ikklassifikati bħala obbligi minkejja li jkollhom il-karatteristiċi simili għall-ishma ordinarji, jiġu kklassifikati bħala ekwità. Żvelar addizzjonali jkun meħtieġ dwar dawk l-emendi u għandhom japplikaw regoli ġodda għar-riklassifikazzjoni tagħhom.

(3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp Tekniku ta' Esperti (TEG) tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar ir-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) tikkonferma li l-emendi għall-IAS 32 u l-IAS 1 jissodisfaw il-kriterji tekniċi għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/505/KE tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi [Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards] fil-qasam tal-kontabilità biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtalità tal-opinjonijiet tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għall-Informazzjoni Finanzjarja [dwar ir-Rappurtar Finanzjarju] (EFRAG) ([3]), il-Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards qies l-opinjoni tal-EFRAG dwar l-adozzjoni u ta l-parir lill-Kummissjoni li din hija bbilanċata kif xieraq u oġġettiva.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32 Strumenti Finanzjarji: Preżendazzjoni huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(2) IAS 1 Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(3) L-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7, IAS 39 u l-Interpretazzjoni tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC) huma emendati skond l-emendi għall-IAS 32 u IAS 1 kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi għall-IAS 32 u l-IAS 1, kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament, mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja li tibda wara l-31 ta' Diċembru 2008.

([1]) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 199, 21.7.2006, p. 33.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Charlie McCREEVY

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABILITÀ**

| | |
|---|---|
| IAS 32 | Emendi għall-IAS 32 *Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni* |
| IAS 1 | Emendi għall-IAS 1*Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji* |

**Riproduzzjoni permessa fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Id-drittijiet eżistenti kollha huma rriservati lil hinn miż-ŻEE, għajr għad-dritt tar-riproduzzjoni għall-finijiet ta' użu persunali jew użu ġust ieħor. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-IASB fuq l-internet www.iasb.org**

EMENDI GĦALL-IAS 32 STRUMENTI FINANZJARJI: PREŻENTAZZJONI U L-IAS 1 PREŻENTAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

**STRUMENTI FINANZJARJI PUTTABLE U OBBLIGI LI JOĦORĠU MINN LIKWIDAZZJONI**

## Emendi lill-IFRSs

Dan id-dokument jippreżenta emendi lill-IAS 32 *Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni* u l-IAS 1 *Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji* (kif riveduti fl-2007) u l-emendi bħala konsegwenzi lill-IFRS 7 *Rapporti Finanzjarji: Żvelar*, l-IAS 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl* u l-IFRIC 2 *Ishma tal-Membri f'Entitajiet Kooperattivi u Strumenti Simili*. Dan id-dokument fih ukoll emendi għall-Bażi għall-Konklużjonijiet fuq l-IAS 32 u l-IAS 1 u l-eżempji illustrattivi li jakkumpanjaw l-IAS 32. L-emendi jirriżultaw minn proposti li kienu fl-abbozz tal-espożizzjoni tal-emendi proposti għall-IAS 32 u l-IAS 1 — *Strumenti Finanzjarji Puttable b'Valur Ġust u Obbligi li Joħorġu minn Likwidazzjoni* stampati f'Ġunju 2006.

Entitajiet għandhom japplikaw dawn l-emendi għal perjodi annwali li jibdew minn jew wara l-1 ta' Jannar 2009. Applikazzjoni minn qabel hija permessa. Jekk l-entitajiet japplikaw dawn l-emendi għal perjodu minn qabel, għandhom jiżvelaw dan il-fatt.

## Emendi għall-IAS 32

### *Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni*

*Fil-paragrafu 11 tal-Istandard, id-definizzjonijiet ta' azzjoni finanzjarja u obbligazzjoni finanzjarja huma emendati u d-definizzjoni ta' strument puttable hija miżjuda wara d-definizzjoni tal-valur ġust.*

Definizzjonijiet (ara wkoll il-paragrafi AG3–AG23)

11 It-termini li ġejjin jintużaw f'din l-Istandard bit-tifsiriet speċifikati:

…

*Assi finanzjarju* huwa kull assi li:

(a) …

(d) Kuntratt li se jkun jew jista' jissalda fl-istrumenti azzjonarji tal-entità stess u huwa:

(i) …

(ii) derivat li se jkun jew jista' jissalda b'mod minbarra bil-kambju ta' ammont fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor għal numru fiss tal-istrumenti azzjonarji tal-entità stess. Għal dan l-iskop l-istrumenti azzjonarji tal-entità stess ma jinkludux strumenti finanzjarji puttable kklassifikati bħala strumenti skond il-paragrafi 16A u 16B, strumenti li jimponu obbligu fuq l-entità biex tagħti parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni u huma kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond il-paragrafi 16C u 16D, jew strumenti li huma kuntratti għar-riċeviment jew kunsinna futura tal-istrumenti azzjonarji tal-entità stess.

*Obbligazzjoni finanzjarja* hija kull obbligazzjoni li:

(a) obbligu kuntrattwali:

(i) għall-kunsinna ta' flus jew assi finanzjarju ieħor lil entità oħra; jew

(ii) għall-kambju ta' assi finanzjarji jew obbligazzjonijiet finanzjarji ma' entità oħra taħt kundizzjonijiet li huma potenzjalment sfavorevoli għall-entità; jew

(b) kuntratt li se jkun jew jista' jissalda fl-istrumenti azzjonarji tal-entità stess u huwa:

(i) non-derivat li dwaru l-entità hija jew tista' tkun obbligata li tagħti numru varjabbli tal-istrumenti azzjonarji tal-entità stess; jew

(ii) derivat li se jkun jew jista' jissalda b'mod minbarra bil-kambju ta' ammont fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor għal numru fiss tal-istrumenti azzjonarji tal-entità stess. Għal dan l-iskop l-istrumenti azzjonarji tal-entità stess ma jinkludux strumenti finanzjarji puttable li huma kklassifikati bħala strumenti skond il-paragrafi 16A u 16B, strumenti li jimponu obbligu fuq l-entità biex tagħti parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni u huma kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skont il-paragrafi 16C u 16D, jew strumenti li huma kuntratti għar-riċeviment jew kunsinna futura tal-istrumenti azzjonarji tal-entità stess.

Bħala eċċezzjoni, strument li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja huwa kklassifikat bħala strument azzjonarju jekk ikollu l-karatteristiċi kollha u jissodisfa l-kundizzjonijiet taħt il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D.

…

*Strument Puttable* huwa strument finanzjarju li jagħti d-dritt lid-detentur li jerġa' jagħti l-istrument lura lill-emittent għal flus jew attiv finanzjarju ieħor jew jitqiegħed lura awtomatikament għand l-emittent fil-każ ta' avveniment futur mhux ċert jew il-mewt jew l-irtirar tad-detentur tal-istrument.

*L-intestatura qabel il-paragrafu 15 u l-paragrafu 16 hija emendata. Wara l-paragrafu 16, intestatura, il-paragrafi 16A u 16B, intestatura oħra, il-paragrafi 16C u 16D, intestatura oħra u l-paragrafi 16E u 16F huma miżjuda.*

PREŻENTAZZJONI

**Obbligazzjonijiet u ekwità (ara wkoll il-paragrafi AG13-AG14J u AG25–AG29A)**

…

16 Meta emittent japplika d-definizzjonijiet taħt il-paragrafu 11 biex jistabbilixxi jekk strument finanzjarju hux strument azzjonarju minflok obbligazzjoni finanzjarja, l-istrument ikun strument azzjonarju jekk, u biss jekk, jitħarsu ż-żewġ kundizzjonijiet (a) u (b) ta' hawn taħt.

(a) …

(b) Jekk l-istrument se jkun jew jista' jissalda fl-istrumenti azzjonarji stess tal-emittent, huwa:

(i) …

(ii) derivat li se jissalda biss mill-emittent li jkun qed jiskambja ammont fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor għal għadd fiss tal-istrumenti azzjonarji tiegħu stess. Għal dan l-iskop l-istrumenti azzjonarji stess tal-emittent ma jinkludux strumenti li għandhom il-karatteristiċi kollha u jissodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D, jew strumenti li huma kuntratti għar-riċeviment jew kunsinna futura tal-istrumenti azzjonarji stess tal-emittent.

Obbligu kuntrattwali, inkluż wieħed li joħroġ minn strument finanzjarju derivat, li se jew jista' jirriżulta f'riċevuta jew kunsinna futura tal-istrumenti azzjonarji stess tal-emittent, iżda ma jissodisfax il-kundizzjonijiet (a) u (b) ta' hawn fuq, m'huwiex strument azzjonarju. Bħala eċċezzjoni, strument li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja huwa kklassifikat bħala strument azzjonarju jekk ikollu l-karatteristiċi kollha u jissodisfa l-kundizzjonijiet taħt il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D.

*Strumenti Puttable*

16A Strument finanzjarju puttable jinkludi obbligu kuntrattwali għall-emittent biex jerġa' jixtri jew jifdi dak l-istrument għal flus jew assi finanzjarju ieħor mal-eżerċizzju tal-put. Bħala eċċezzjoni għad-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja, strument li jinkludi t-tali obbligu jkun ikklassifikat bħala strument azzjonarju jekk ikollu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) Tintitola d-detentur għal parti prorata tal-assi netti tal-entità fil-każ ta' likwidazzjoni ta' entità. L-assi netti tal-entità huma dawk l-assi li jibqa' wara li jitnaqqsu t-talbiet l-oħra kollha fuq l-assi tagħha. Il-parti prorata tkun stabbilita bi:

(i) d-diviżjoni tal-assi netti tal-entità mal-likwidazzjoni f'unitajiet ta' ammont indaqs; u

(ii) il-multiplikazzjoni ta' dak l-ammont bin-numru ta' unitajiet miżmuma mid-detentur tal-istrument finanzjarju.

(b) L-istrument huwa taħt il-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti. Biex jaqa' taħt din il-klassi l-istrument:

(i) m'għandux prijorità fuq talbiet oħrajn fuq l-assi tal-entità mal-likwidazzjoni, u

(ii) m'għandux bżonn ikun ikkonvertit fi strument ieħor qabel ma jkun fil-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti.

(ċ) L-istrumenti finanzjarji kollha taħt il-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti għandhom karatteristiċi identiċi. Pereżempju, iridu jkunu kollha puttable, u l-formula jew metodu ieħor użat biex jikkalkula x-xiri mill-ġdid jew il-prezz tat-tifdil ikun l-istess għall-istrumenti kollha f'dik il-klassi.

(d) Minbarra l-obbligu kuntrattwali għall-emittent biex jerġa' jixtri jew jifdi l-istrument għal flus jew assi finanzjarju ieħor, l-istrument ma jinkludix xi obbligu kuntrattwali biex jingħata flus jew assi finanzjarju ieħor għal entità oħra, jew il-kambju ta' assi finanzjarji jew obbligazzjonijiet finanzjarji ma' entità oħra taħt kundizzjonijiet li huma potenzjalment sfavorevoli għall-entità, u m'huwiex kuntratt li se jew li jista' jissalda fl-istrumenti azzjonarji tal-entità stess kif ippreżentat fis-sottoparagrafu (b) tad-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja.

(e) Il-fluss totali mistennija tal-flus attribwit għall-istrument tul il-ħajja tal-istrument huwa bbażat b'mod sostanzjali fuq il-profitt jew it-telf, it-tibdil fl-assi netti rikonoxxuti jew t-tibdil fil-valur ġust tal-assi netti rikonoxxuti u mhux rikonoxxuti tal-entità tul il-ħajja tal-istrument (esklużi xi effetti tal-istrument).

16B Biex strument ikun ikklassifikat bħala strument azzjonarji, minbarra li l-istrument ikollu l-fatturi kollha msemmijin hawn fuq, l-emittent ma jrid ikollu l-ebda strument finanzjarju jew kuntratt li għandu:

(a) il-fluss totali tal-flus ibbażat b'mod sostanzjali fuq il-profitt jew it-telf, it-tibdil fl-assi netti rikonoxxuti jew t-tibdil fil-valur ġust tal-assi netti rikonoxxuti u mhux rikonoxxuti tal-entità (esklużi xi effetti tat-tali strument jew kuntratt) u

(b) l-effett tar-restrizzjoni sostanzjali jew l-istabbiliment tar-redditu residwu tad-detenturi ta' strument puttable.

Għall-iskop tal-applikazzjoni ta' din il-kundizzjoni, l-entità m'għandhiex tikkunsidra kuntratti mhux finanzjarji mad-detentur ta' strument deskritt fil-paragrafu 16A li għandhom termini u kundizzjonijiet kuntrattwali li huma simili għat-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali ta' kuntratt ekwivalenti li jistgħu jsiru bejn detentur mhux ta' strument u l-entità li toħroġ l-istrument. Jekk l-entità ma tistax tistabbilixxi li din il-kundizzjoni tħarset, m'għandhiex tikklassifika l-istrument puttable bħala strument azzjonarju.

*Strumenti, jew komponenti ta' strumenti, li jimponu obbligu fuq l-entità li tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni*

16C Xi strumenti jinkludu obbligu kuntrattwali fuq l-entità li toħroġ l-istrument biex tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tagħha biss mal-likwidazzjoni. L-obbligu jinħoloq għax il-likwidazzjoni jew ċerta li se ssir u hija barra l-kontroll tal-entità (pereżempju, entità b'ħajja limitat), jew mhux ċert li se ssir iżda hija għażla tad-detentur tal-istrument. Bħala eċċezzjoni għad-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja, strument li jinkludi t-tali obbligu jkun ikklassifikat bħala strument azzjonarju jekk ikollu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) Tintitola d-detentur għal parti prorata tal-assi netti tal-entità fil-każ ta' likwidazzjoni ta' entità. L-assi netti tal-entità huma dawk l-assi li jibqa' wara li jitnaqqsu t-talbiet l-oħra kollha fuq l-assi tagħha. Il-parti prorata tkun stabbilita bi:

(i) d-diviżjoni tal-assi netti tal-entità mal-likwidazzjoni f'unitajiet ta' ammont indaqs; u

(ii) il-multiplikazzjoni ta' dak l-ammont bin-numru ta' unitajiet miżmuma mid-detentur tal-istrument finanzjarju.

(b) L-istrument huwa taħt il-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti. Biex jaqa' taħt din il-klassi l-istrument:

(i) m'għandux prijorità fuq talbiet oħrajn fuq l-assi tal-entità mal-likwidazzjoni, u

(ii) m'għandux bżonn ikun ikkonvertit fi strument ieħor qabel ma jkun fil-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti.

(ċ) L-istrumenti finanzjarji kollha taħt il-klassi tal-istrumenti li hija subordinata mal-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti jridu jkollhom obbligu kuntrattwali identiku għall-entità li toħroġ l-istrument li tagħti parti prorata tal-assi netti tagħha mal-likwidazzjoni.

16D Biex strument ikun ikklassifikat bħala strument azzjonarji, minbarra li l-istrument ikollu l-fatturi kollha msemmijin hawn fuq, l-emittent ma jrid ikollu l-ebda strument finanzjarju jew kuntratt li għandu:

(a) il-fluss totali tal-flus ibbażat b'mod sostanzjali fuq il-profitt jew it-telf, it-tibdil fl-assi netti rikonoxxuti jew t-tibdil fil-valur ġust tal-assi netti rikonoxxuti u mhux rikonoxxuti tal-entità (esklużi xi effetti tat-tali strument jew kuntratt) u

(b) l-effett tar-restrizzjoni sostanzjali jew l-istabbiliment tar-redditu residwu tad-detenturi tal-istrument.

Għall-iskop tal-applikazzjoni ta' din il-kundizzjoni, l-entità m'għandhiex tikkunsidra kuntratti mhux finanzjarji mad-detentur ta' strument deskritt fil-paragrafu 16C li għandhom termini u kundizzjonijiet kuntrattwali li huma simili għat-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali ta' kuntratt ekwivalenti li jistgħu jsiru bejn detentur mhux ta' strument u l-entità li toħroġ l-istrument. Jekk l-entità ma tistax tistabbilixxi li din il-kundizzjoni tharset, m'għandhiex tikklassifika l-istrument bħala strument azzjonarju.

*Riklassifikazzjoni ta' strumenti puttable u strumenti li jimponu obbligu fuq l-entità li tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni*

16E Entità li tikklassifika strument finanzjarju bħala strument azzjonarju skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D mid-data meta l-istrument għandu l-karatteristiċi kollha u jissodisfa l-kundizzjonijiet ippreżentati f'dawk il-paragrafi. Entità għandha tirriklassifika strument finanzjarju mid-data meta l-istrument jieqaf ikollu l-karatteristiċi kollha jew jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ppreżentati f'dawk il-paragrafi. Pereżempju, jekk entità tifdi l-istrumenti maħruġa mhux puttable kollha tagħha u kull strument puttable li jibqa' mhux imħallas ikollu l-karatteristiċi u jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha taħt il-paragrafi 16A u 16B, l-entità għandha tirriklassifika l-istrumenti puttable bħala strumenti azzjonarji mid-data meta tifdi l-istrumenti mhux puttable.

16F Entità għandha takkonta għar-riklassifikazzjoni ta' strument skond il-paragrafu 16E kif ġej:

(a) Għandha tirriklassifika strument azzjonarju bħala obbligazzjoni finanzjarja mid-data meta l-istrument jieqaf ikollu l-karatteristiċi kollha jew jissodisfa l-kundizzjonijiet fil-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D. L-obbligazzjoni finanzjarja tkun ivvalutata bħala l-valur ġust tal-istrument fid-data tar-riklassifikazzjoni. Entità għandha tirrikonoxxi fl-ekwità kull differenza bejn l-ammont miżmum fil-kotba tal-istrument azzjonarju u l-valur ġust tal-obbligazzjoni finanzjarja fid-data tar-riklassifikazzjoni.

(b) Għandha tirriklassifika obbligazzjoni finanzjarja bħala ekwità mid-data meta l-istrument ikollu l-karatteristiċi kollha u jissodisfa l-kundizzjonijiet ippreżentati fil-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D. Strument azzjonarju jkun ivvalutat bħala l-valur miżmum fil-kotba tal-obbligazzjoni finanzjarja fid-data tar-riklassifikazzjoni.

*Il-paragrafi 17–19 huma emendati.*

*L-ebda obbligazzjoni kuntrattwali li jingħata flus jew assi finanzjarju ieħor (il-paragrafu 16(a))*

17 Bl-eċċezzjoni taċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D, karatteristika kritika fid-distinzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja minn strument azzjonarju hija l-eżistenza ta' obbligazzjoni kuntrattwali minn parti waħda ta' strument finanzjarju (l-emittent) jew biex jingħata flus jew assi finanzjarju ieħor għal parti oħra (id-detentur) jew il-kambju ta' assi finanzjarji jew obbligazzjonijiet finanzjarji mad-detentur taħt il-kundizzjonijiet li huma potenzjalment sfavorevoli għall-emittent. …

18 Is-sustanza ta' strument finanzjarju, minflok il-forma legali tiegħu, tirregola l-klassifikazzjoni tiegħu fid-dikjarazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-entità. Is-sustanza u l-forma legali huma normalment konsistenti, iżda mhux dejjem. Xi strumenti finanzjarji jieħdu l-forma legali tal-ekwità iżda huma obbligazzjonijiet fis-sustanza u oħrajn jistgħu jikkombinaw karatteristiċi assoċjati ma' strumenti azzjonarji u karatteristiċi assoċjati ma' obbligazzjonijiet finanzjarji. Pereżempju:

(a) …

(b) strument finanzjarju li jagħti d-dritt lid-detentur li jerġa' jitfgħu għand l-emittent għal flus jew assi finanzjarju ieħor ("strument puttable") huwa obbligazzjoni finanzjarja, minbarra għal dawk l-istrumenti kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D. L-istrument finanzjarju huwa obbligazzjoni finanzjarja anke meta l-ammont ta' flus jew assi finanzjarji oħrajn ikun stabbilit fuq il-bażi ta' indiċi jew oġġetti ieħor li għandu l-potenzjal li jiżdied jew jonqos. L-eżistenza ta' opzjoni għad-detentur li jitfa' l-istrument lura lill-emittent għal flus jew assi finanzjarju ieħor ifisser li l-istrument puttable jissodisfa d-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja, minbarra għal dawk l-istrumenti kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D. Pereżempju, fondi ta' benefiċċju komuni mingħajr limiti, unit trusts, soċi u xi entitajiet kooperattivi jistgħu jipprovdu lid-detenturi tal-unitajiet jew il-membri tagħhom id-dritt li jifdu l-interessi tagħhom fl-emittent f'kull ħin għal flus, li twassal biex l-interessi tad-detenturi tal-unitajiet jew tal-membri jkunu kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji, minbarra għal dawk l-istrumenti kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D. Madankollu, il-klassifikazzjoni bħala obbligazzjoni finanzjarja ma teskludix l-użu ta' deskrizzjonijiet bħal "valur tal-assi netti attribwiti lid-detenturi tal-unitajiet" u "t-tibdil fil-valur tal-assi netti attribwit lid-detenturi tal-unitajiet" fir-rapporti finanzjarji ta' entità li m'għandhiex ekwità kkontribwita (bħal xi fondi ta' benefiċċji komuni u unit trust, ara l-Eżempju Illustrattiv 7) jew l-użu ta' żvelar addizzjonali li juri li l-interessi totali tal-membri jinkludu affarijiet bħal riservi li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' ekwità u strumenti puttable li ma jaqgħux (ara l-Eżempju Illustrattiv 8).

19 Jekk l-entità m'għandhiex dritt mingħajr kundizzjonijiet li tevita l-kunsinna ta' flus jew assi finanzjarju ieħor biex tissalda obbligazzjoni kuntrattwali, l-obbligu jissodisfa d-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja, minbarra għal dawk l-istrumenti kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D. Pereżempju:

…

*Il-paragrafi 22, 23 u 25 huma emendati. Wara l-paragrafu 22, il-paragrafi 22A huwa miżjud.*

*Saldu fl-istrumenti azzjonarji tal-entità stess (il-paragrafu 16(b))*

22 Minbarra kif iddikjarat fil-paragrafu 22A, kuntratt li se jissalda mill-entità (li tirċievi jew) bil-kunsinna ta' numru fiss ta' strumenti azzjonarji tagħha stess għal ammont fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor huwa strument azzjonarju. Pereżempju, …

22A Jekk l-istrumenti azzjonarju tal-entità stess li l-entità għandha tirċievi, jew tagħti, mas-saldu tal-kuntratt huma strumenti finanzjarji puttable bil-karatteristiċi kollha u jissodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafi 16A u 16B, jew strumenti li jimponu obbligu fuq l-entità biex tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni bil-karatteristiċi kollha u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafi 16C u 16D, il-kuntratt ikun assi finanzjarju jew obbligazzjoni finanzjarja. Dan jinkludi kuntratt li se jissalda mill-entità li tirċievi jew li tagħti numru fiss tat-tali strumenti minflok ammont fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor.

23 Bl-eċċezzjoni taċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D, kuntratt li jinkludi obbligu fuq l-entità biex tixtri l-istrumenti azzjonarji tagħha stess għal flus jew assi finanzjarju ieħor toħloq obbligazzjoni finanzjarja għall-valur preżenti tal-ammont tal-fidi (pereżempju, għall-valur preżenti tal-prezz tax-xiri lura bil-quddiem, il-prezz tal-eżerċizzju tal-opzjoni jew ammont ieħor tal-fidi). Dan ikun il-każ anke jekk il-kuntratt innifsu huwa strument azzjonarju. Eżempju wieħed …

*Provvedimenti kontinġenti tas-saldu*

25 Strument finanzjarju jista' jeħtieġ li l-entità tagħti flus jew assi finanzjarju ieħor, jew inkella li tissalda b'tali mod li jkun obbligazzjoni finanzjarju, fil-każ ta' jew in-nuqqas ta' avvenimenti inċerti futuri (jew fuq ir-riżultat ta' ċirkostanzi inċerti) li huwa barra l-kontroll kemm tal-emittent kif ukoll tad-detentur tal-istrument, bħal tibdil ta' indiċi ta' stokk tas-suq, indiċi tal-prezz tal-konsumatur, rata tal-imgħax jew rekwiżiti tat-tassazzjoni, jew id-dħul futur, id-dħul nett jew il-proporzjon tad-dejn mal-ekwità tal-emittent. L-emittent ta' tali strument m'għandux id-dritt mingħajr kundizzjonijiet li jevita li jagħti flus jew assi finanzjarju ieħor (jew inkella jissalda b'tali mod li jkun obbligazzjoni finanzjarja). Għalhekk, ikun obbligazzjoni finanzjarja tal-emittent sakemm:

(a) il-parti tal-provvediment tas-saldu li jista' jinqala' li tista' teħtieġ saldu bi flus jew b'assi finanzjarju ieħor (jew inkella b'tali mod li tkun obbligazzjoni finanzjarja) mhux ġenwina;

(b) l-emittent jista' jkun meħtieġ isalda l-obbligu bi flus jew assi finanzjarju ieħor (jew inkella jsaldi b'tali mod li tkun obbligazzjoni finanzjarja) biss fil-każ tal-likwidazzjoni tal-emittent; jew

(ċ) l-istrument għandu l-karatteristiċi kollha u jissodisfa l-kundizzjonijiet taħt il-paragrafi 16A u 16B.

*Qabel il-paragrafu 96, l-intestatura hija emendata. Wara l-paragrafu 96, il-paragrafi 96A–96C huma miżjuda. Wara l-paragrafu 97B, il-paragrafu 97C huwa miżjud.*

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

96A *Strumenti Finanzjarji Puttable u Obbligazzjonijiet li Joħorġu mil-Likwidazzjoni* (Emendi għall-IAS 32 u l-IAS 1), maħruġa fi Frar 2008, teħtieġ li strumenti finanzjarji li għandhom il-karatteristiċi kollha u jissodisfaw il-kundizzjonijiet taħt il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D ikunu kklassifikati bħala strument azzjonarju, emendat il-paragrafi 11, 16, 17–19, 22, 23, 25, AG13, AG14 u AG27, u daħħlet il-paragrafi 16A–16F, 22A, 96B, 96C, 97C, AG14A–AG14J u AG29A. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għal perjodi annwali li jibdew minn jew wara l-1 ta' Jannar 2009. Applikazzjoni minn qabel hija permessa. Jekk entità tapplika l-bidliet għal perjodu aktar qabel, għandha tiżvela dan il-fatt u tapplika l-emendi relatati tal-IAS 1, l-IAS 39, l-IFRS 7 u l-IFRIC 2 fl-istess żmien.

96B *Strumenti Finanzjarji Puttable u Obbligazzjonijiet li Joħorġu mil-Likwidazzjoni* introduċiet eċċezzjoni għall-ambitu limitat; għalhekk, entità m'għandhiex tapplika l-eċċezzjoni b'analoġija.

96C Il-klassifikazzjoni tal-istrumenti taħt din l-eċċezzjoni għandhom ikunu ristretti għall-kontabilità ta' tali strument taħt l-IAS 1, l-IAS 32, l-IAS 39 u l-IFRS 7. L-istrument ma jitqiesx strument azzjoni taħt gwida oħra, pereżempju l-IFRS 2 *Pagament ibbażat fuq l-Ishma*.

97C Meta tapplika l-emendi deskritti fil-paragrafu 96A, entità meħtieġa taqsam strument finanzjarju compost bl-obbligu li tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni f'komponenti separati ta' obbligazzjonijiet u ta' ekwità. Jekk il-komponent tal-obbligazzjoni m'għadux dovut, applikazzjoni retrospettiva ta' dawk l-emendi għall-IAS 32 tkun tinvolvi s-separazzjoni taż-żewġ komponenti tal-ekwità. L-ewwel komponent ikun fil-qligħ imfaddal u jirrappreżenta l-imgħax kumulattiv akkreditat fuq il-komponent tal-obbligazzjoni. Il-komponent l-ieħor ikun jirrappreżenta l-komponent oriġinali tal-ekwità. Għalhekk, entità m'għandhiex bżonn tissepara ż-żewġ komponenti jekk il-komponent tal-obbligazzjoni m'għadux dovut fid-data tal-applikazzjoni tal-emendi.

*Fl-Appendiċi Gwida għall-Applikazzjoni, il-paragrafi AG13 u AG14 huma emendati. Wara l-paragrafu AG14, intestatura, il-paragrafi AG14A-AG14D, intestatura oħra, il-paragrafu AG14E, intestatura oħra, il-paragrafi AG14F-AG14I, intestatura oħra u l-paragrafu AG14J huma miżjuda.*

**Strumenti Azzjonarji**

AG13 paragrafi 16A u 16B), xi strumenti li jimponu obbligu fuq l-entità biex tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni (ara l-paragrafi 16C u 16D), xi tipi ta' ishma privileġġati (ara l-paragrafi AG25 u AG26), u ċertifikati jew opzjonijiet miktubin ta' xiri li jippermetti li d-detentur jabbona għal jew jixtri numru fiss ta' ishma ordinarji mhux puttable fl-entità li qed toħroġ l-istrument minflok numru fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor. Obbligu fuq l-entità biex toħroġ jew tixtri numru fiss ta' strumenti azzjonarji tagħha stess għal ammont fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor huwa strument azzjonarju tal-entità (minbarra kif dikjarat fil-paragrafu 22A). Madankollu, jekk it-tali kuntratt fih obbligu fuq l-entità biex tħallas flus jew assi finanzjarju ieħor (minbarra għal kuntratt ikklassifikat bħala ekwità skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D), toħloq ukoll obbigazzjoni għall-valur preżent tal-ammont ta' fidi (ara l-paragrafu AG (a)). Emittent ta' ishma ordinarji mhux puttable jassumi obbligazzjoni meta formalment jaġixxi biex jagħmel distribuzzjoni u jsir legalment obbligat lejn l-azzjonisti biex jagħmel dan. Dan jista' jkun il-każ wara d-dikjarazzjoni ta' dividend jew meta l-entità qed tiġi stralċjata u kull assi li jibqa' wara li jisthallsu l-obbligazzjonijiet ikunu distributibbli lill-azzjonisti.

AG14 Opzjoni mixtri ta' xiri jew kuntratt ieħor simili akkwistat mill-entità li jagħtiha d-dritt li terġa' takkwista numru fiss ta' strumenti azzjonarji tagħha stess bil-kambju tal-kunsinna ta' ammont fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor m'huwiex assi finanzjarju tal-entità (minbarra kif dikjarat fil-paragrafu 22A). Minflok, kull kunsiderazzjoni mħallsa għat-tali kuntratt titnaqqas mill-ekwità.

*Il-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha (il-paragrafi 16A(b) u 16C(b))*

AG14A Wieħed mill-karatteristiċi tal-paragrafi 16A u 16C huwa li l-istrument finanzjarju qiegħed fil-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha.

AG14B Fl-istabbiliment jekk strument huwiex fil-klassi subordinata, entità tivvaluta t-talba tal-istrument fuq il-likwidazzjoni daqs li kieku kienet se tillikwida fid-data meta tikklassifika l-istrument. L-entità għandha terġa' teżamina l-klassifikazzjoni jekk ikun bidla fiċ-ċirkostanzi relevanti. Pereżempju, jekk l-entità toħroġ jew tifdi strument finanzjarju ieħor, dan jista' jaffettwa jekk l-istrument in kwestjoni huwiex fil-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha.

AG14C Strument li għandu dritt preferenzjali mal-likwidazzjoni tal-entità m'huwiex strument b'intitolament ta' parti prorata mill-assi netti tal-entità. Pereżempju, strument għandu dritt preferenzjali fuq il-likwidazzjoni jekk jintitola d-detentur għal dividend fiss mal-likwidazzjoni, flimkien ma' parti mill-assi netti tal-entità, meta strumenti oħrajn fil-klassi subordinata bid-dritt għal parti prorata tal-assi netti tal-entità m'għandhomx l-istess dritt mal-likwidazzjoni.

AG14D Jekk entità għandha klassi waħda biss ta' strumenti finanzjarji, dik il-klassi għandha tkun ittrattata daqs li kieku kienet subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha.

*Fluss totali mistenni tal-flus attribwiti għall-istrument tul il-ħajja tal-istrument (il-paragrafu 16A(e))*

AG14E Il-fluss totali mistenni tal-flus tal-istrument tul il-ħajja tal-istrument irid ikun ibbażat b'mod sostanzjali fuq il-profitt jew it-telf, it-tibdil fl-assi netti rikonoxxuti jew t-tibdil fil-valur ġust tal-assi netti rikonoxxuti u mhux rikonoxxuti tal-entità tul il-ħajja tal-istrument. Il-profitt jew telf u t-tibdil fl-assi netti rikonoxxuti għandhom jitkejlu skont l-IFRSs relevanti.

*Tranżazzjonijiet li jidħol fihom detentur ta' strument minbarra bħala sid tal-entità (il-paragrafi 16A u 16C)*

AG14F Id-detentur ta' strument finanzjarju puttable jew strument li jimponi obbligu fuq l-entità li tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni jista' jidħol fi tranżazzjonijiet mal-entità fi rwol minbarra dak ta' sid. Pereżempju, detentur ta' strument jista' jkun ukoll impjegat tal-entità. Il-fluss tal-flus u t-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali tal-istrument biss li jirrelataw mad-detentur ta' strument bħala sid tal-entità għandhom ikunu kkunsidrati fil-valutazzjoni ta' jekk l-istrument ikunx ikklassifikat bħala ekwità taħt il-paragrafu 16A jew il-paragrafu 16C.

AG14G Eżempju huwa soċjetà limitata li għandha soċi limitati u ġenerali. Xi soċi ġenerali jistgħu jipprovdu garanzija lill-entità u jistgħu jkunu renumerati talli jipprovdu dik il-garanzija. F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-garanzija u l-fluss tal-flus assoċjat jirrelataw mad-detenturi tal-istrument fl-irwol tagħhom bħala garanturi u mhux fl-irwoli tagħhom bħala sidien tal-entità. Għalhekk, din il-garanzija u l-fluss tal-flus assoċjat ma jirriżultax li s-soċi ġenerali jitqiesu subordinati mas-soċi limitati, u ma jkunux ikkunsidrati fil-valutazzjoni jekk it-termini kuntrattwali tal-istrumenti tas-soċjetà limitata u l-istrumenti tas-soċjetà ġenerali humiex identiċi.

AG14H Eżempju ieħor huwa l-arranġament tal-qsim tal-profitt jew telf li jalloka profitt jew telf lid-detenturi tal-istrument fuq il-bażi tas-servizzi mogħtija jew in-negozju ġġenerat matul is-snien kurrenti u ta' qabel. Dawn l-arranġamenti huma tranżazzjonijiet ma' detenturi tal-istrumenti fl-irwol tagħhom mhux ta' sidien u m'għandhomx ikunu kkunsidrati meta l-karatteristiċi mniżżlin fil-paragrafu 16A jew fil-paragrafu 16C jkunu vvalutati. Madankollu, l-arranġamenti tal-profitt jew telf li jallokaw profitt jew telf lid-detenturi tal-istrument ibbażat fuq l-ammont nominali tal-istrumenti b'relazzjoni ma' oħrajn fil-klassi jirrappreżentaw tranżazzjonijiet mad-detenturi tal-istrument fl-irwol tagħhom bħala sidien u għandhom ikunu kkunsidrati meta l-karatteristiċi mniżżlin fil-paragrafu 16A jew fil-paragrafu 16C jkunu vvalutati.

AG14I Il-fluss tal-flus u t-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali ta' tranżazzjoni bejn detentur ta' strument (fl-irwol mhux ta' sid) u l-entità li toħroġ l-istrument iridu jkunu simili għal tranżazzjonijiet ekwivalenti li tista' ssir bejn detentur mhux ta' strument u l-entità li toħroġ l-istrument.

*L-ebda strument finanzjarju ieħor jew kuntratt bi fluss totali ta' flus li sostanzjalment jirranġa jew jirrestrinġi r-redditu residwu tad-detentur tal-istrument (il-paragrafi 16B u 16D)*

AG14J Kundizzjoni biex ekwità tkun ikklassifikata bħala strument finanzjarju li b'mod ieħor tissodisfa l-kriterji fil-paragrafu 16A jew il-paragrafu 16C hija li l-entità m'għandha l-ebda strument finazjarju ieħor jew kuntratt li għandu (a) flussi totali tal-flus ibbażati b'mod sostanzjali fuq il-profitt jew telf, it-tibdil fl-assi netti rikonoxxuti jew it-tibdil fil-valur ġust tal-assi netti rikonoxxuti u mhux rikonoxxuti tal-entità u (b) l-effett tar-restrizzjoni jew l-arranġament sostanzjali tar-redditu residwu. L-istrumenti li ġejjin, meta jkunu nnegozjati b'termini kummerċjali normali ma' partijiet mhux relatati, mhux probabbli li jipprevenu l-istrumenti li kieku kienu jissodisfaw il-kriterji taħt il-paragrafu 16A jew il-paragrafu 16C milli jkunu kklassifikati bħala ekwità:

(a) strumenti bi fluss totali tal-flus ibbażat b'mod sostanzjali fuq assi speċifiċi tal-entità.

(b) strumenti bi fluss totali tal-flus ibbażat fuq il-persentaġġ tad-dħul.

(ċ) kuntratti ddisinjati biex jippremjaw impjegati individwali għas-servizzi mogħtija lill-entità.

(d) kuntratti li jeħtieġu l-ħlas ta' persentaġġ insinifikanti tal-profitt għal servizzi mogħtija jew oġġetti pprovduti.

*Il-paragrafu AG27 huwa emendat u wara l-paragrafu AG29, il-paragrafu AG29A huwa miżjud.*

AG27 L-eżempji li ġejjin juru kif tipi differenti ta' kuntratti fuq l-istrumenti azzjonarji tal-entità stess għandhom ikunu kklassifikati:

(a) Kuntratt li se jissalda mill-entità li tirċievi jew tagħti numru fiss ta' ishma tagħha stess għall-ebda kunsiderazzjoni futura, jew li se tbiddel numru fiss ta' ishma tagħha stess għal ammont fiss ta' flus jew assi finanzjarju ieħor, huwa strument azzjonarju (minbarra kif iddikjarat fil-paragrafu 22A). Għalhekk, kull kunsiderazzjoni riċevuta jew imħallsa għat-tali kuntratt tingħadd direttament jew titnaqqas direttament mill-ekwità. Eżempju huwa l-opzjoni maħruġ ta' ishma li jagħti lill-kontroparti d-dritt li jixtri numru fiss tal-ishma tal-entità għal ammont fiss ta' flus. Madankollu, jekk il-kuntratt jitlob li l-entità tixtri (tifdi) l-ishma tagħha stess għal flus jew assi finanzjarju ieħor f'data fissa jew li tista' tkun stabbilita jew meta mitluba, l-entità wkoll tirrikonoxxi obbligazzjoni finanzjarja għall-valur preżenti tal-ammont tal-fidi (bl-eċċezzjoni ta' strumenti li għandhom il-karatteristiċi kollha u jissodisfaw il-kundizzjonijiet taħt il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D). Eżempju wieħed huwa l-obbligu fuq l-entità taħt kuntratt bil-quddiem li terġa' tixtri numru fiss tal-ishma tagħha stess għal ammont fiss ta' flus.

(b) Obbligu fuq l-entità li tixtri l-ishma tagħha stess għal flus toħloq obbligazzjoni finanzjarja fuq il-valur preżenti tal-ammont tal-fidi anke jekk in-numru ta' ishma li l-entità hija obbligata li terġa' tixtri mhux fiss jew l-obbligu jkun bil-kundizzjoni li l-kontroparti jeżerċita d-dritt li jifdi (minbarra kif iddikjarat fil-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D). Eżempju wieħed ta' obbligu b'kundizzjoni huwa opzjoni maħruġ li jitlob li l-entità terġa' tixtri l-ishma tagħha stess għal flus jekk il-kontroparti jeżerċita l-opzjoni.

(ċ) Kuntratt li jissalda bi flus jew b'assi finanzjarju ieħor huwa assi finanzjarju jew obbligazzjoni finanzjarju anke jekk l-ammont ta' flus jew tal-assi finanzjarju ieħor li se jkun riċevut jew mogħti huwa bbażat fuq bidliet fil-press tas-suq tal-ekwità tal-entità stess (minbarra kif iddikjarat fil-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D). Eżempju wieħed huwa opzjoni ta' ishma netti saldata bi flus.

(d) …

AG29A Xi tipi ta' strumenti li jimponu obbligu kuntrattwali fuq l-entità huma kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D. Il-klassifikazzjoni skond dawk il-paragrafi hija eċċezzjoni għall-prinċipji li kieku kienu jkunu applikati f'dan l-Istandard fil-klassifikazzjoni ta' strument. Din l-eċċezzjoni m'hijiex estiża għall-klassifikazzjoni ta' interessi bla kontroll fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati. Għalhekk, strumenti kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond jew il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafu 16C u 16D fir-rapporti finanzjarji separati jew individwali li huma interessi mingħajr kontroll huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-grupp.

## Emendi għall-IAS 1

***Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji (kif riveduta fl-2007)***

DEFINIZZJONIJIET

*Wara l-paragrafu 8, il-paragrafi 8A huwa miżjud.*

8A It-termini li ġejjin huma deskritti fl-IAS 32 *Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni* u jintużaw f'din l-Istandard bit-tifsira speċifikata fl-IAS 32:

(a) strument finanzjarji puttable kklassifikat bħala strument azzjonarju (deskritt fil-paragrafi 16A u 16B tal-IAS 32)

(b) strument li jimponi obbligu fuq l-entità li tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni u huwa kklassifikat bħala strument azzjonarju (deskritt fil-paragrafi 16C u 16D tal-IAS 32)

*Informazzjoni li għandha tkun ippreżentata jew fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja jew fin-noti*

*Wara l-paragrafu 80, il-paragrafi 80A huwa miżjud.*

80A Jekk entità rriklassifikat

(a) strument finanzjarju puttable kklassifikat bħala strument azzjonarju, jew

(b) strument li jimponi obbligu fuq l-entità li tagħti lil parti oħra parti prorata tal-assi netti tal-entità biss mal-likwidazzjoni u huwa kklassifikat bħala strument azzjonarju

bejn obbligazzjonijiet finanzjarji u ekwità, għandha tiżvela l-ammont irriklassifika li daħal fi jew ħareġ minn kull kategorija (obbligazzjonijiet finanzjarji jew ekwità), u ż-żmien u r-raġuni għal dik ir-riklassifika.

*Wara l-paragrafu 136A, intestatura u l-paragrafu 136A huma mdaħħla. Il-paragrafu 138 huwa emendat.*

*Strument finanzjarju puttable kklassifikat bħala ekwità*

136A Dwar strumenti finanzjarji puttable kklassifikati bħala strumenti azzjonarji, entità għandha tiżvela (sakemm mhux żvelat x'imkien ieħor):

(a) sommarju ta' dejta kwantitattiva dwar l-ammont ikklassifikat bħala ekwità;

(b) l-għanijiet, politiki u proċessi tagħha għall-ġestjoni ta' obbligu tagħha li terġa' tixtri jew tifdi l-istrumenti meta mitluba tagħmel dan mid-detenturi tal-istrumenti, inkluż kull tibdil mill-perjodu ta' qabel;

(ċ) il-fluss mistenni tal-ħruġ tal-flus mal-fidi jew ix-xiri mill-ġdid ta' dik il-klassi ta' strumenti finanzjarji; u

(d) informazzjoni dwar kif il-fluss mistenni tal-ħruġ tal-flus mal-fidi jew ix-xiri mill-ġdid kien stabbilit.

*Żvelar ieħor*

138 Entità għandha tiżvela dan li ġej, jekk mhux żvelat x'imkien ieħor fl-informazzjoni ppubblikata mar-rapporti finanzjarji:

(a) id-domiċilju u l-forma legali tal-entità, il-pajjiż fejn kienet iffurmata u l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat (jew il-post ewlieni tan-negozju, jekk differenti mill-uffiċċju rreġistrat);

(b) deskrizzjoni tan-natura tal-operazzjonijiet tal-entità u l-attivitajiet ewlenin tagħha;

(ċ) l-isem tal-kumpanija prinċipali u l-kumpanija prinċipali aħħarija tal-grupp; u

(d) Jekk hija entità b'ħajja limitata, informazzjoni dwar it-tul tal-ħajja tagħha.

*Wara l-paragrafu 139A, il-paragrafu 139B huwa miżjud.*

TRANŻIZZJONI U DATA EFFETTIVA

139B *Strumenti Finanzjarji Puttable u Obbligazzjonijiet li Joħorġu* mil-Likwidazzjoni (Emendi għall-IAS 32 u l-IAS 1), maħruġa fi Frar 2008, emendat il-paragrafu 138 u daħħlet il-paragrafi 8A, 80A u 136A. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għal perjodi annwali li jibdew minn jew wara l-1 ta' Jannar 2009. Applikazzjoni minn qabel hija permessa. Jekk entità tapplika l-emendi għal perjodu aktar qabel, għandha tiżvela dak il-fatt u tapplika l-emendi relatati tal-IAS 32, l-IAS 39, l-IFRS 7 u l-IFRIC 2 *Ishma tal-Membri f'Entitajiet Kooperattivi u Strumenti Simili* fl-istess żmien.

**Emendi għall-IFRS 7, l-IAS 39 u l-IFRIC 2**

L-entitajiet għandhom japplikaw l-emendi li ġejjin għall-IFRS 7, l-IAS 39 u l-IFRIC 2 meta japplikaw l-emendi relatati tal-IAS 32 u l-IAS 1.

## IFRS 7

***Strumenti Finanzjarji: Żvelar***

*Il-paragrafu 3 huwa emendat.*

AMBITU

3 Din l-IFRS għandha tkun applikata mill-entitajiet kollha ta' kull tip ta' strumenti finanzjarji, minbarra:

(a) …

(f) strumenti li għandhom bżonn ikunu kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skont il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D tal-IAS 32.

*Wara l-paragrafu 44B, il-paragrafu 44C huwa miżjud.*

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

44C Entità għandha tapplika l-emendi fil-paragrafi 3 għal perjodi annwali li jibdew minn jew wara l-1 ta' Jannar 2009. Jekk entità tapplika Strumenti Finanzjarji Puttable u Obbligazzjonijiet li Joħorġu mil-Likwidazzjoni (Emendi għall-IAS 32 u l-IAS 1), maħruġa fi Frar 2008, għal perjodu aktar qabel, l-emendi fil-paragrafu 3 għandhom ikunu applikati għal dak il-perjodu ta' aktar qabel.

## IAS 39

***Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl***

*Il-paragrafu 2(d) huwa emendat.*

AMBITU

2 Dan l-Istandard għandu jkun applikat mill-entitajiet kollha ta' kull tip ta' strumenti finanzjarji minbarra:

(d) strumenti finanzjarji maħruġa mill-entità li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' strument azzjonarju f'IAS 32 (inklużi opzjonijiet u ċertifikati) jew li jkollhom bżonn ikunu kklassifikati bħala strument azzjonarju skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D tal-IAS 32. Madankollu, detentur ta' dawn l-istrumenti azzjonarji għandu japplika dan l-Istandard għal dawk l-istrumenti, sakemm ma jaqgħux taħt l-eċċezzjoni f'(a) ta' hawn fuq.

*Wara l-paragrafu 103E, il-paragrafu 103F huwa miżjud.*

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

103F Entità għandha tapplika l-emendi fil-paragrafi 2 għal perjodi annwali li jibdew minn jew wara l-1 ta' Jannar 2009. Jekk entità tapplika Strumenti Finanzjarji Puttable u Obbligazzjonijiet li Joħorġu mil-Likwidazzjoni (Emendi għall-IAS 32 u l-IAS 1), maħruġa fi Frar 2008, għal perjodu aktar qabel, l-emendi fil-paragrafu 2 għandhom ikunu applikati għal dak il-perjodu ta' aktar qabel.

## IFRIC 2

***Ishma tal-Membri f'Entitajiet Kooperattivi u Strumenti Simili***

*Fit-taqsima tar-Riferenza, in-nota fil-qiegħ tal-paġna hija emendata.*

(*) F'Awwissu 2005, l-IAS 32 kienet emendate mill-IAS 32 *Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni*. Fi Frar 2008 l-IASB emendat l-IAS 32 billi strumenti jkollhom bżonn ikunu kklassifikati bħala ekwità jekk dawk l-istrumenti għandhom il-karatteristiċi kollha u jissodisfaw il-kundizzjonijiet taħt il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D tal-IAS 32.

*Il-paragrafi 6 u 9 huma emendati u l-paragrafu 14A huwa miżjud.*

KUNSENS

6 L-ishma tal-membri jkunu kklassifikati bħala ekwità jekk il-membri ma kellhomx id-dritt li jitolbu l-fidi huma ekwità jekk jew il-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafi 7 u 8 huma preżenti jew l-ishma tal-membri għandhom il-karatteristiċi kollha u jissodisfaw il-kundizzjonijiet taħt il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D tal-IAS 32. Demand deposits, inklużi kontijiet kurrenti, kontijiet tad-depożiti u kuntratti simili li jinħolqu meta membri jaġixxu ta' klijenti huma obbligazzjonijiet finanzjarji tal-entità.

9 Projbizzjoni mingħajr kundizzjonijiet tista' tkun assoluta, peress li l-fidi kollu m'huwiex permess. Projbizzjoni mingħajr kundizzjonijiet tista' tkun parzjali, jiġifieri ma tippermettix fidi ta' ishma tal-membri jew il-fidi se twassal biex in-numru ta' ishma tal-membri jew l-ammont ta' capital imħallas mill-ishma tal-membri jaqa' taħt livell speċifikat. Ishma tal-membri aktar mill-projbizzjoni kontra l-fidi huma obbligazzjonijiet, sakemm l-entità għandha d-dritt mingħajr kundizzjonijiet li tirrifjuta l-fidi kif deskritt fil-paragrafu 7 jew l-ishma tal-membri għandhom il-karatteristiċi kollha u jħarsu l-kundizzjonijiet taħt il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D tal-IAS 32. F'xi każijiet, in-numru ta' ishma jew l-ammont ta' capital imħallas suġġett għal projbizzjoni tal-fidi jista' jinbidel minn żmien għal żmien. Din il-bidla fil-projbizzjoni tal-fidi twassal għal trasferiment bejn l-obbligi finanzjarji u l-ekwità.

DATA EFFETTIVA

14A Entità għandha tapplika l-emendi fil-paragrafi 6, 9, A1 u A12 għal perjodi annwali li jibdew minn jew wara l-1 ta' Jannar 2009. Jekk entità tapplika *Strumenti Finanzjarji Puttable u Obbligazzjonijiet li Joħorġu mil-Likwidazzjoni* (Emendi għall-IAS 32 u l-IAS 1), maħruġa fi Frar 2008, għal perjodu aktar qabel, l-emendi fil-paragrafi 6, 9, A1 u A12 għandhom ikunu applikati għal dak il-perjodu ta' aktar qabel.

*Fl-Appendiċi (Eżempji tal-applikazzjoni tal-kunsens), il-paragrafi A1 u A12 huma emendati.*

EŻEMPJI TA' APPLIKAZZJONI TAL-KUNSENS

A1 Dan l-appendiċi jippreżenta seba' eżempji tal-applikazzjoni tal-kunsens tal-IFRIC. L-eżempji ma jikkostitwux lista eżawrenti; disinji oħra tal-fatti huma possibbli. Kull eżempju jassumi li m'hemmx kundizzjonijiet minbarra dawk ippreżentati fil-fatti tal-eżempju li jkunu jeħtieġu li l-istrument finanzjarju jkun ikklassifikat bħala obbligazzjoni finanzjarja u li l-istrument finanzjarju m'għandux il-karatteristiċi kollha jew ma jissodisfax il-kundizzjonijiet fil-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16c u 16D tal-IAS 32.

**Eżempju 4**

*Klassifikazzjoni*

A12 F'dan il-każ, CU750,000 ikun ikklassifikat bħala ekwità u CU150,000 ikun ikklassifikat bħala obbligazzjonijiet finanzjarji. Minbarra l-paragrafi diġà msemmija, il-paragrafu 18(b) tal-IAS 32 f'parti jiddikjara:

… strument finanzjarju li jagħti d-dritt li d-detentur li jerġa' jitfgħu għand l-emittent għal flus jew assi finanzjarju ieħor ("strument puttable") huwa obbligazzjoni finanzjarja, minbarra għal dawk l-istrumenti kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D. L-istrument finanzjarju huwa obbligazzjoni finanzjarja anke meta l-ammont ta' flus jew assi finanzjarji oħrajn ikun stabbilit fuq il-bażi ta' indiċi jew oġġetti ieħor li għandu l-potenzjal li jiżdied jew jonqos. L-eżistenza ta' opzjoni għad-detentur li jitfa' l-istrument lura lill-emittent ħarġu għal flus jew assi finanzjarju ieħor ifisser li l-istrument puttable jissodisfa d-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja, minbarra għal dawk l-istrumenti kklassifikati bħala strumenti azzjonarji skond il-paragrafi 16A u 16B jew il-paragrafi 16C u 16D.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 54/2009**

**tal-21 ta' Jannar 2009**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 669/97 fir-rigward tal-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità għal ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 669/97 tal-14 ta' April 1997 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti u l-limiti tat-tariffi tal-Komunità, li jiddefinixxi d-dispożizzjonijiet dettaljati li jemendaw u jadattaw dawn il-miżuri u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1983/95 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn il-KE u d-Danimarka/il-Gżejjer Faroe Nru 2/2008 (2008/957/KE) [2] emendat it-Tabelli I u II tal-Anness għall-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea fuq naħa u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe fuq in-naħa l-oħra.

(2) Fil-Protokoll 1 emendat tal-Ftehim hemm dispożizzjoni għal tliet kwoti tariffarji ġodda fis-sena li jkopru l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe. Il-kwoti tariffarji il-ġodda għandhom japplikaw mill-1 ta' Settembru 2008. Sabiex ikunu implimentati dawn il-kwoti tariffarji ġodda, jeħtieġ li tkun aġġustata l-lista ta' ħut u prodotti tal-ħut soġġetti għall-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 669/97.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], jipprovdi għal sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji, imfassla biex tintuża skont l-ordni kronoloġika tad-dati tal-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u biex tkun żgurata ġestjoni effeċjenti b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, dik is-sistema ta' ġestjoni għandha tintuża għall-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 669/97.

(4) Għas-sena 2008, il-volumi tal-kwoti tariffarji stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jiġu kkalkulati bħala *pro rata* tal-volumi bażiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 2/2008 (2008/957/KE), proporzjonatament ma' dik il-parti tas-sena li tkun għaddiet qabel japplikaw il-kwoti tariffarji.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 669/97 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Skont id-Deċiżjoni (KE) 2/2008 (2008/957/KE), il-kwoti tariffarji l-ġodda għandhom japplikaw mill-1 ta' Settembru 2008. Dan ir-Regolament għandu għalhekk japplika mill-istess data.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 669/97 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Il-kwoti tariffarji stipulati f'dan ir-Regolament għandhom ikunu amministrati skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93."

[1] ĠU L 101, 18.4.1997, p. 1.
[2] ĠU L 338, 17.12.2008, p. 72.
[3] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

(2) L-Anness huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
László KOVÁCS
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 669/97 jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

| In-Nru tasserje | Il-Kodiċi NM | Is-suddiviżjoni tat-TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata tad-dazju | Il-volum tal-kwota f'tunnellati |
|---|---|---|---|---|---|
| "09.0672 | ex 0305 59 80 | 80 | Il-Pollakkju (*Pollachius Virens*), immellaħ u mnixxef | 0 | Mill-1.9 sal-31.12.2008: 250<br>Mill-1.1.2009 sal-31.12.2009 u mill-1.1 sal-31.12 ta' kull sena sussegwenti: 750 |
| 09.0674 | ex 0307 91 00<br>ex 0307 99 18<br>ex 1605 90 30 | 10<br>10<br>30 | Il-bronja komuni (*Buccinum Undatum*), ħajja, friska, imkessħa, iffriżata, ippreparata jew ippriżervata | 0 | Mill-1.9 sal-31.12.2008: 400<br>Mill-1.1.2009 sal-31.12.2009 u mill-1.1 sal-31.12 ta' kull sena sussegwenti: 1 200 |
| 09.0676 | ex 0306 14 90 | 10 | Il-granċ tal-ispeċi *Geryon affinis*, iffriżat | 0 | Mill-1.9 sal-31.12.2008: 250<br>Mill-1.1.2009 sal-31.12.2009 u mill-1.1 sal-31.12 ta' kull sena sussegwenti: 750" |

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/42/PESK

**tad-19 ta' Jannar 2009**

**dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-UE sabiex jiġi promoss il-proċess li jwassal għat-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi fost pajjiżi terzi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) u 23(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill Ewropew adotta Strateġija Ewropea ta' Sigurtà li appellat għal ordni internazzjonali bbażat fuq multilateraliżmu effettiv. L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tirrikonoxxi l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti bħala l-qafas fundamentali għar-relazzjonijiet internazzjonali. It-tisħiħ tan-Nazzjonijiet Uniti, waqt li tiġi mgħammra biex tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha u biex taġixxi b'mod effettiv, huwa prijorità tal-Unjoni Ewropea.

(2) Fis-6 ta' Diċembru 2006 l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-riżoluzzjoni 61/89 intitolata "Lejn trattat dwar il-kummerċ fl-armi: l-istabbiliment ta' standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali".

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill laqa' l-bidu formali tal-proċess lejn l-elaborazzjoni ta' Trattat internazzjonali legalment vinkolanti dwar il-Kummerċ fl-Armi u nnota b'apprezzament li maġġoranza ċara tal-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, kienu appoġġaw ir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq. Il-Kunsill afferma mill-ġdid li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikollhom rwol attiv f'dan il-proċess, u ssottolinja l-importanza ta' koperazzjoni ma' Stati u organizzazzjonijiet reġjonali oħrajn f'dan il-proċess.

(4) Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilixxa Grupp ta' Esperti Governattivi (GGE) ta' 28 membru biex ikompli jikkunsidra l-possibbiltà ta' Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi. Il-GGE ltaqa' matul l-2008 u ppreżenta l-konklużjonijiet tiegħu matul il-ġimgħa ministerjali tat-63 Assemblea Ġenerali. Il-Grupp ikkonkluda li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni u li għandhom isiru sforzi, fuq bażi gradwali, b'mod miftuħ u trasparenti, fi ħdan il-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-GGE ħeġġeġ li għandha tingħata assistenza lill-Istati fil-bżonn, fejn tintalab, minn dawk l-Istati li qegħdin f'pożizzjoni li jipprovduha.

(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill issottolinja l-importanza tal-GGE maħtur minn NU li huwa ħeġġeġ biex il-proċess jitmexxa 'l quddiem. Il-Kunsill esprima t-twemmin sod tiegħu li strument komprensiv, legalment vinkolanti, konsistenti mar-responsabbiltajiet eżistenti tal-Istati skont il-liġi internazzjonali relevanti u li jistabbilixxi standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali, għandu jkun ta' kontribut kbir għat-trattament tal-proliferazzjoni mhux mixtieqa u mhux responsabbli ta' armi konvenzjonali.

(6) F' Ottubru 2008 l-Ewwel Kumitat ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti addotta ir-riżoluzzjoni "Lejn Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi: L-istabbiliment ta' standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali". L-Istati Membri kollha ta' l-UE ko-sponsorjaw it-test.

(7) L-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR) appoġġa dan il-proċess billi wettaq studju f' żewġ partijiet li jikkonsisti f' żewġ analiżi approfonditi ta' fehmiet tal-Istati Membri tan-NU dwar il-fattibbiltà, il-kamp tal-applikazzjoni u l-abbozz tal-parametri ta' Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi. L-analiżi tal-UNIDIR ikkontribwiet għall-avvanzar ta' diskussjonijiet dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi permezz tal-identifikazzjoni ta' oqsma ta' kunsens u diverġenza, kif ukoll ta' oqsma ttraskurati. L-analiżi serviet bħala input utli għall-GGE. Għal dawn ir-raġunijiet, hu raġonevoli li l-UNIDIR jiġi fdat bl-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet skont id-Deċiżjoni.

(8) Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' hawn fuq, l-UE għandha tappoġġa dan il-proċess, sabiex issaħħaħ il-ħidma li twettqet s'issa, billi tiftaħ id-dibattitu biex jiġu inklużi Stati li mhumiex membri tal-GGE, kif ukoll għal atturi oħrajn bħas-soċjetà ċivili u l-industrija, sabiex tiżviluppa l-fehim tal-kwistjoni u sabiex tikkontribwixxi għattwessigħ tar-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-GGE,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Għall-fini ta' promozzjoni tal-proċess li jwassal lejn Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi fost pajjiżi terzi, l-Unjoni Ewropea għandha tappoġġa attivitajiet sabiex tiżviluppa l-għanijiet li ġejjin:

(a) iżżid is-sensibilizzazzjoni minn atturi nazzjonali u reġjonali, l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti, is-soċjetà ċivili u l-industrija, dwar id-diskussjonijiet internazzjonali attwali rigward it-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi,

(b) issaħħaħ l-iskop tal-Grupp ta' Esperti Governattivi (GGE) tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi u ssaħħaħ lin-Nazzjonijiet Uniti bħala l-uniku forum li jista' jagħti strument tassew universali,

(c) tikkontribwixxi għal involviment aħjar mill-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet reġjonali kollha fil-proċess tat-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi,

(d) tħeġġeġ l-iskambju ta' fehmiet bejn Stati li huma parti mill-GGE u dawk li mhumiex parti minnu,

(e) trawwem dibattitu fost l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari fost dawk li mhumiex parti mill-GGE,

(f) tippromwovi skambju ta' fehmiet fost l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti, organizzazzjonijiet reġjonali, is-soċjetà ċivili u l-industrija,

(g) tidentifika elementi potenzjali, il-kamp ta' applikazzjoni kif ukoll l-implikazzjonijiet tat-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi, u

(h) tikkondividi dawn id-dibattiti u l-fehmiet mal-komunità internazzjonali kollha.

2. Biex jinkisbu l-għanijiet ta' hawn fuq, l-UE ser twettaq il-proġett li ġej:

— l-organizzazzjoni ta' avveniment ta' tnedija, sitt seminars reġjonali, seminar konklussiv, inkluża d-disseminazzjoni tar-riżultati u avveniment sekondarju fil-marġini tal-Ewwel Kumitat (l-64 laqgħa tal-AĠNU).

Deskrizzjoni dettaljata hija stabbilita fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Il-Presidenza, assistita mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill/-Rappreżentant Għoli (SĠ/RGħ) għall-PESK, għandha tkun responsabbli mill-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(2) għandha tkun imwettqa mill-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR). Hu għandu jwettaq dan il-kompitu taħt il-kontroll tas-SĠ/RGħ, li jassisti lill-Presidenza. Għal dan il-għan, is-SĠ/RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNIDIR.

3. Il-Presidenza, is-SĠ/RGħ u l-Kummissjoni għandhom iżommu lil xulxin infurmati regolarment dwar il-proġett, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 836 260, li għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata skont il-proċeduri u r-regoli Komunitarji li japplikaw għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 2, li għandha tieħu l-forma ta' għotja. Għal dan il-għan, hi għandha tikkonkludi ftehim finanzjarju mal-UNIDIR. Il-ftehim finanzjarju għandu jistabbilixxi li l-UNIDIR għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-UE, adatta għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprova tikkonkludi l-ftehim finanzjarju msemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hi għandha tinforma lill-Kunsill dwar id-diffikultajiet f'dak il-proċess u dwar id-data tal-konklużjoni tal-ftehim finanzjarju.

*Artikolu 4*

Il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ għall-PESK, għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari wara l-organizzazzjoni ta' kull seminar reġjonali u s-seminar finali mhejji mill-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR). Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ u għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiskadi 15-il xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim finanzjarju msemmi fl-Artikolu 3(3) jew 6 xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha sakemm l-ebda ftehim ta' finanzjament ma jkun ġie konkluż f'dak il-perijodu.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GANDALOVIČ

*ANNESS*

## 1. Għan

L-għan ġenerali ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill huwa li tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha fid-diskussjoni dwar Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi (TKA), tintegra kontributi nazzjonali u reġjonali mal-proċess internazzjonali li għaddej, u tiddentifika l-kamp ta' applikazzjoni u l-implikazzjoni ta' trattat possibbli dwar il-kummerċ.

## 2. Proġett

2.1 *Skop tal-proġett*

Il-proġett ser:

(a) iżid is-sensibilizzazzjoni minn atturi nazzjonali u reġjonali, l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti, is-soċjeta ċivili u l-industrija, dwar id-diskussjonijiet internazzjonali attwali rigward it-TKA,

(b) isaħħaħ l-iskop tal-Grupp ta' Esperti Governattivi (GGE) tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi u jsaħħaħ lin-Nazzjonijiet Uniti bħala l-uniku forum li jista' jagħti strument tassew universali,

(c) jikkontribwixxi għal involviment aħjar mill-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet reġjonali kollha fil-proċess tat-TKA,

(d) iheġġeġ l-iskambju ta' fehmiet bejn Stati li huma parti mill-GGE u dawk li mhumiex parti minnu,

(e) irawwem dibattitu fost l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari fost dawk li mhumiex parti mill-GGE,

(f) jippromwovi skambju ta' fehmiet fost l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti, l-organizzazzjonijiet reġjonali, is-soċjetà ċivili u l-industrija,

(g) jidentifika elementi potenzjali, il-kamp ta' applikazzjoni u l-implikazzjonijiet ta' TKA, u

(h) jikkondividi dawn id-dibattiti u l-fehmiet mal-komunità internazzjonali kollha.

2.2 *Riżultati tal-proġett*

Il-proġett ser:

(a) iżid il-kuxjenza, l-għarfien u l-fehim tal-proċess tat-TKA,

(b) jinvolvi atturi ġodda fid-dibattitu,

(c) jikkondividi tħassib u ideat nazzjonali u reġjonali mad-diskuzzjonijiet internazzjonali, u

(d) jagħti ideat u suġġerimenti għall-kontenut ta' TKA, b'mod partikolari dwar l-kamp ta' applikazzjoni u l-implikazzjonijiet ta' TKA.

2.3 *Deskrizzjoni tal-proġett*

Il-proġett jipprevedi l-organizzazzjoni ta' avveniment ta' tnedija, sitt seminars reġjonali, seminar finali biex jippreżenta r-riżultati ġenerali u avveniment sekondarju fil-marġini tal-Ewwel Kumitat (l-64 laqgħa tal-AĠNU). Is-seminar finali ser ikun strutturat kif ġej: seminar ta' ġurnata għall-pajjiżi membri tal-OSKE u seminar finali ta' ġurnata.

2.3.1 Avveniment ta' tnedija:

Ser isir avveniment ta' tnedija tul ġurnata biex jiġu preżentati l-għanijiet tal-proġett u jsiru kontributi mis-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi u l-NGOs biex jiġi żgurat appoġġ għall-proġett.

2.3.2 Seminars reġjonali:

1. Is-seminars reġjonali ser isiru fuq jumejn f'post li għandu jiġi ddeterminat fir-reġjuni ta' mira. Is-seminars ser ikunu strutturati f'erba' partijiet biex jippermettu li jsiru l-preżentazzjonijiet u d-diskussjonijiet li ġejjin:

   (a) ħarsa ġenerali tat-TKA, sfond, atturi, eċċ.;

(b) preżentazzjoni speċifika tal-proċess internazzjonali li għaddej attwalment;

(c) diskussjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-implikazzjoni ta' TKA potenzjali; u

(d) ġbir ta' ideat għal iktar azzjoni, rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti li jingħataw fil-proċess tat-TKA.

2. Parteċipanti f'dawn is-seminars reġjonali għandhom jinkludu:

(a) rappreżentanti minn pajjizi fir-reġjun,

(b) rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet reġjonali, inklużi l-NGOs,

(c) rappreżentanti mill-industrija lokali/reġjonali,

(d) rappreżentanti mill-UNIDIR u l-UNODA (Fergħa għall-Armi Konvenzjonali u l-Fergħa Reġjonali, inklużi ċ-ċentri reġjonali jekk adatt),

(e) esperti tekniċi mill-Istati Membri tal-UE, inklużi rappreżentanti mill-industrija,

(f) rappreżentanti minn organizzazzjonijiet sħab li jistgħu jinkludu fost l-oħrajn l-Istitut ta' Riċerka ta' Stokkolma dwar il-Paċi Internazzjonali (Svezja) jew il-Fondazzjoni għar-Riċerka Strateġika (Franza).

3. Skont id-daqs tar-reġjuni, hu mistenni li f'kull seminar ser ikun hemm parteċipazzjoni ta' bejn 30 u 40 parteċipant.

4. Wara kull seminar, ser jiġi prodott rapport sommarju tad-diskussjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet. Dan ir-rapport sommarju ser ikun disponibbli online u fuq mezzi ta' ħżin elettroniċi.

5. Is-seminars reġjonali ser isiru skont ir-raggruppamenti li ġejjin:

(a) seminar għall-Afrika Ċentrali, ta' Fuq u tal-Punent,

(b) seminar għall-Afrika tal-Lvant u t'Isfel,

(c) seminar għall-Amerika Latina u l-Karibew

(d) seminar għall-Asja u l-Paċifiku,

(e) seminar għall-pajjiżi tal-OSKE,

(f) seminar għal-Lvant Nofsani.

6. Postijiet tentattivi ssuġġeriti għas-seminars huma:

(a) Dakar u Najrobi jew Addis Abeba (għaż-żewġ seminars fl-Afrika),

(b) Messiku jew Rio de Janeiro (għall-Amerika Latina u l-Karibew),

(c) Phnom u Penh jew New Delhi (għall-Asja u l-Paċifiku),

(d) Amman jew Kajr (għal-Lvant Nofsani),

(e) Brussell jew Vjenna (għall-pajjizi tal-OSKE).

7. Il-postijiet finali ser jiġu ddeterminati biex jiġu mmassimizzati r-riżorsi u l-assistenza disponibbli fil-livell lokali. Il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, ser tkun responsabbli mill-aħħar għażla tal-post wara r-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-UNIDIR.

2.3.3 Seminar konkluživ:

Ser jiġi organizzat seminar konkluživ wara li jkunu ġew ospitati s-sitt seminars reġjonali kollha biex jiġu ppreżentati d-diskussjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-ideat dwar il-proċess tat-TKA lill-komunità internazzjonali. Is-seminar finali ser ikun strutturat kif ġej: seminar ta' ġurnata għall-pajjiżi membri tal-OSKE u seminar finali ta' ġurnata.

2.3.4 Avveniment sekondarju fl-Ewwel Kumitat (l-64 laqgħa tal-AĠNU)

Ser jiġi organizzat avveniment sekondarju fil-marġini tal-Ewwel Kumitat (l-64 laqgħa tal-AĠNU) biex jiġu ppreżentati r-riżultati tal-proġett sa dakinhar lill-partijiet interessati kollha mlaqqgħin fi New York.

2.3.5 Outputs - Pubblikazzjoni

Kull seminar ser jipproduċi rapport sommarju qasir tad-diskussjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet u l-ideat imressqa għal TKA. Ir-rapport tas-seminar ser ikun disponibbli online u fuq mezzi ta' ħżin ta' *data* elettroniċi għad-distribuzzjoni.

Ser isir rapport finali li jiġbor r-rapporti sommarji tas-sitt laqgħat reġjonali u dan ser jiġi ppreżentat għal kummenti fis-seminar konkluživ, u ser ikunu disponibbli online u fuq mezzi ta' ħżin ta' *data* elettroniċi għad-distribuzzjoni.

3. **Tul ta' żmien**

Il-perijodu previst tal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett hu ta' ħmistax-il xahar.

4. **Benefiċjarji**

Il-benefiċjarji ta' dan il-proġett huma:

(a) l-Istati Membri kollha tan-NU, b'enfasi partikolari fuq dawk li mhumiex parti mill-GGE,

(b) is-soċjetà ċivili u l-industrija,

(c) organizzazzjonijiet reġjonali relevanti.

5. **Entità ta' implementazzjoni**

Il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, ser tkun responsabbli għall-implimentazzjoni u s-superviżjoni ta' dan il-proġett. Il-Presidenza ser tafda l-implimentazzjoni teknika lill-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR).

Fl-implimentazzjoni tal-proġett, il-UNIDIR għandu jikkoopera mal-UN-ODA, l-Istitut ta' Riċerka ta' Stokkolma dwar il-Paċi Internazzjonali (Svezja) jew il-Fondazzjoni għar-Riċerka Strateġika (Franza). Il-UNIDIR għandu, fejn xieraq, jaħdem ma' istituzzjonijiet bħall-organizzazzjonijiet reġjonali, l-NGOs u l-industrija.

Il-UNIDIR għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-UE, adatta għad-daqs tagħha.

6. **Ammont ta' referenza finanzjarju sabiex ikopri l-ispejjeż tal-proġett**

L-ispiża totali tal-proġett hija ta' EUR 836 260.

**CORRIGENDUM**

**Rettifika għad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 190, 18 ta' Lulju 2002. Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Volum 6, p. 34)*

F'paġna 1 Id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA għandha tinqara kif ġej:

**"DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL**

**tat-13 ta' Ġunju 2002**

**dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri**

(2002/584/ĠAI)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(a) u (b) u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Skond il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, u b'mod partikolari l-punt 35 tagħhom, il-proċedura formali ta' l-estradizzjoni għandha tkun abolita fost l-Istati Membri fir-rigward ta' persuni li qed jaħarbu mill-ġustizzja wara li jkunu ġew ikkundannati definittivament u l-proċeduri ta' l-estradizzjoni għandhom jiġu mħaffin fir-rigward ta' persuni suspettati li wettqu reat.

(2) Il-programm ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet kriminali previst fil-punt 37 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere u adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2000 ([3]), jindirizza l-kwistjoni ta' l-infurzar reċiproku tal-mandati ta' arrest.

(3) L-Istati Membri kollha jew xi wħud minnhom huma partijiet għal numru ta' konvenzjonijiet fil-qasam ta' l-estradizzjoni, inkluża l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 u l-Konvenzjoni Ewropea dwar it-trażżin tat-terroriżmu tas-27 ta' Jannar 1977. L-Istati Nordiċi għandhom liġijiet dwar l-estradizzjoni b'formulazzjoni identika.

(4) Barra dan, it-tliet Konvenzjonijiet li ġejjin li jitrattaw l-estradizzjoni fl-intier tagħhom jew f'parti ġew miftehma bejn l-Istati Membri u jagħmlu parti mill-acquis ta' l-Unjoni: il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom ([4]) (fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri li huma partijiet għal dik il-Konvenzjoni), il-Konvenzjoni ta' l-10 ta' Marzu 1995 dwar proċedura ta' estradizzjoni simplifikata bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([5]) u l-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([6]).

(5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u li din tiġi sostitwita b'sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' sistema ssimplifikata ġdida ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew suspettati għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jew biex jiġu sottoposti għal azzjoni kriminali, jagħmilha possibbli li jitneħħew il-komplessità u l-potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' kooperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu sostitwiti b'sistema ta' moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tingħata s-sentenza kif ukoll dawk finali, fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

(7) Billi l-għan tas-sostituzzjoni tas-sistema ta' estradizzjoni multilaterali mibnija fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 ma jistax jintlaħaq sew mill-Istati Membri li jaġixxu unilateralment u

([1]) ĠU C 332 E, 27.11.2001, p. 305.
([2]) Opinjoni mogħtija fid-9 ta' Jannar 2002, (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 12 E, 15.1.2001, p. 10.
([4]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.
([5]) ĠU C 78, 30.3.1995, p. 2.
([6]) ĠU C 313, 13.10.1996, p. 12.

jista' għalhekk, minħabba fl-iskala u fl-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fuq il-livell ta' l-Unjoni, il-Kunsill jista' jadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjietà msemmi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu ta' l-aħħar, din id-Deċiżjoni Kwadru ma tmurx lil hin minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(8) Id-deċiżjonijiet dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli suffiċjenti, li jfisser li awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru fejn il-persuna rikjesta ġiet arrestata jkollha tieħu d-deċiżjoni dwar il-konsenja tagħha.

(9) Ir-rwol ta' l-awtoritajiet ċentrali fl-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun limitat għall-assistenza prattika u amministrattiva.

(10) Il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss fil-każ ta' ksur serju u persistenti minn wieħed mill-Istati Membri tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, determinat mill-Kunsill skond l-Artikolu 7(1) tat-Trattat imsemmi bil-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tiegħu.

(11) Fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jissostitwixxi kull strument preċedenti dwar l-estradizzjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen li jikkonċernaw l-estradizzjoni.

(12) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), b'mod partikolari l-Kapitolu VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Kwadru ma jista' jiġi interpretat bħala projbizzjoni tattiċħid tal-konsenja ta' persuna li għaliha nħareġ mandat ta' arrest Ewropew meta hemm raġunijiet biex jitwemmen, abbażi ta' elementi oġġettivi, li l-mandat ta' arrest imsemmi ġie maħruġ għall-fini ta' l-issoktar ta' l-azzjoni kriminali jew il-kastig ta' persuna għal raġunijiet ta' sess, razza, oriġini etnika, nazzjonalità, ilsien, opinjoni politika jew orjentazzjoni sesswali, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi ppreġudikata għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet.

Din id-Deċiżjoni Kwadru ma twaqqafx lil Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu relatati malproċess ġust, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'mezzi tax-xandir oħra.

(13) L-ebda persuna m'għandha tiġi mneħħija, espulsa jew estradita lejn Stat fejn hemm riskju serju li tiġi soġġettata għall-piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti.

(14) Peress li l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar awtomatiku ta' *data* personali, id-*data* personali pproċessata fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tiġi protetta skond il-prinċipji ta' din il-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

KAPITOLU 1

**PRINĊIPJI ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligu li jiġi esegwit**

1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imnizzla fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew**

1. Mandat ta' arrest Ewropew jista' jinħareġ għal atti li huma punibbli mil-liġi ta' l-Istat Membru emittenti b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar jew, fejn ingħatat sentenza jew ġiet magħmula ordni ta' detenzjoni, għal sentenzi ta' mill-inqas erba' xhur.

([1]) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

2. Ir-reati li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat Membru emittenti b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin u kif inhuma definiti mil-liġi ta' l-Istat Membru emittenti, għandhom, skond it-termini ta' din id-Deċiżjoni Kwadru u mingħajr verifika tal-kriminalità doppja ta' l-att, iwasslu għall-konsenja skond mandat ta' arrest Ewropew:

— parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,

— terroriżmu,

— traffikar ta' bnedmin,

— sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal,

— traffikar illeċitu fi drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi,

— traffikar illeċitu f'armi, munizzjon u splussivi,

— korruzzjoni,

— frodi, inkluż dak li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fit-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,

— laundering ta' flus li ġejjin minn reati,

— falsifikar ta' muniti, inkluża l-euro,

— reati konnessi ma' l-informatika,

— reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċi ta' annimali li huma fil-perikolu li jinqerdu u fi speċi u varjietajiet ta' pjanti li huma fil-perikolu li jinqerdu,

— faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati,

— qtil, offiżi gravi fuq il-persuna,

— kummerċ illeċitu f'organi u tessuti umani,

— ħtif tan-nies, restrizzjoni illegali u ħtif ta' ostaġġi,

— razziżmu u ksenofobija,

— serq organizzat jew bl-użu ta' armi,

— traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u xogħlijiet ta' l-arti,

— frodi,

— intrigi ta' qerq u estorsjoni,

— falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,

— falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,

— falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament,

— traffikar illeċitu f'sustanzi ormonali u affarijiet oħra li jippromovu l-iżvilupp,

— traffikar illeċitu f'materjali nukleari jew radjoattivi,

— traffikar f'vetturi misruqa,

— stupru,

— ħruq volontarju,

— reati li huma fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

— qbid illegali ta' inġenji ta' l-ajru/bastimenti,

— sabotaġġ.

3. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi fi kwalunkwe ħin, waqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jżid kategoriji oħra ta' reati mal-lista li tinsab fil-paragrafu 2. Il-Kunsill għandu jeżamina, fid-dawl tar-rapport ippreżentat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 34(3), jekk il-lista għandhiex tiġi estiża jew emendata.

4. Għal reati barra minn dawk koperti mill-paragrafu 2, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-atti li għalihom inħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxu reat taħt il-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, irrespettivament mill-elementi kostitwenti jew ta' kif inhu deskritt.

*Artikolu 3*

**Raġunijiet għan-non-esekuzzjoni obbligatorja biex ma jiġix esegwit mandat ta' arrest Ewropew**

L-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni") għandha tiċħad li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew fil-każijiet li ġejjin:

1. jekk ir-reat li fuqu hu bbażat il-mandat ta' arrest hu kopert minn amnestija fl-Istat Membru ta' esekuzzjoni, fejn dak l-Istat kellu ġurisdizzjoni biex jieħu azzjoni kriminali kontra r-reat skond il-liġi kriminali tiegħu;

2. jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni hi infurmata li l-persuna rikjesta ġiet finalment ġudikata minn Stat Membru fir-rigward ta' l-istess atti bil-kondizzjoni li, fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ingħatat jew qed tingħata attwalment jew ma tistax tiġi esegwita iżjed taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li ta s-sentenza;

3. jekk il-persuna li hi s-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew ma tistax, minhabba fl-età tagħha, tinsab kriminalment responsabbli għall-atti li fuqhom hu bbażat il-mandat ta' arrest skond il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni.

*Artikolu 4*

**Raġunijiet għan-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew**

L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista' tirrifjuta li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew:

1. jekk, f'wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4), l-att li fuqu hu bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew ma jikkostitwix reat skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni; madankollu, fir-rigward ta' taxxi jew dazji, regoli doganali u ta' kambju, l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew m'għandux ikun rrifjutat għar-raġuni li l-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni ma timponix l-istess tip ta' taxxa jew dazju jew ma fihiex l-istess tip ta' regoli fir-rigward ta' taxxi, dazji u regoli doganali u ta' kambju bħal-liġi ta' l-Istat Membru li joħroġ il-mandat;

2. fejn il-persuna li hi s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew qed tiġi pproċessata fl-Istat Membru ta' esekuzzjoni għall-istess att bħal dak li fuqu hu bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew;

3. fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni ddeċidew jew li ma jieħdux azzjoni kriminali għar-reat li fuqu hu bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew jew li jwaqqfu l-proċedimenti, jew fejn sentenza finali inatat lill-persuna rikjesta fi Stat Membru, fir-rigward ta' l-istess atti, li ma thalliex li jsiru proċedimenti oħra;

4. fejn il-prosekuzzjoni kriminali jew il-piena tal-persuna rikjesta hi preskritta skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni u l-atti jaqaw fil-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru skond il-liġi kriminali tiegħu stess;

5. jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni hi infurmata li l-persuna rikjesta ġiet iġġudikata finalment minn Stat terz fir-rigward ta' l-istess atti bil-kondizzjoni li, fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ġiet skontata jew bħalissa qed tiġi skontata jew ma tistax tiġi esegwita iżjed taħt il-liġi tal-pajjiż li ta s-sentenza;

6. jekk il-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, fejn il-persuna rikjesta qed toqgħod fi, jew hi ċittadina jew residenta ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni u dak l-Istat jintrabat li jesegwixxi l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni skond il-liġi domestika tiegħu;

7. fejn il-mandat ta' arrest Ewropew jirrigwarda reati li:

(a) huma kkunsidrati mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni bħala li ġew imwettqin interament jew f'parti fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni jew f'post trattat bħala tali; jew

(b) ġew imwettqin barra mit-territorju ta' l-Istat Membru emittenti u l-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni ma jippermettix li tittieħed azzjoni kriminali għall-istess reati mwettqin barra mit-territorju tiegħu.

*Artikolu 5*

**Garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru f'każijiet partikolari**

L-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew mill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista', mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. fejn il-mandat ta' arrest Ewropew inħareġ għall-finijiet ta' l-esekuzzjoni ta' piena jew ordni ta' detenzjoni imposta minn deċiżjoni mogħtija *in absentia* u jekk il-persuna kkonċernata ma ġietx imħarrka personalment jew infurmata b'mod ieħor bid-data u l-post tas-smigħ li wasslet għad-deċiżjoni mogħtija *in absentia*, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-awtorità ġudizzjarja emittenti tagħti assigurazzjoni kkunsidrata adatta biex tiggarantixxi li l-persuna soġġetta għall-mandat ta' arrest Ewropew ikollha opportunità biex tapplika għal kawża mill-ġdid fl-Istat Membru emittenti u li tkun preżenti għas-sentenza;

2. jekk ir-reat li abbażi tiegħu nħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew huwa punibbli b'piena ta' kustodja għal għomorha jew ordni ta' detenzjoni għal għomorha, l-esekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-Istat Membru emittenti jkollu dispożizzjonijiet fis-sistema legali tiegħu għal reviżjoni tal-piena jew tal-miżura imposta, fuq talba jew l-aktar tard wara 20 sena, jew għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' klemenza li għalihom il-persuna hi intitolata li tapplika taħt il-liġi jew prattika ta' l-Istat Membru emittenti, bl-iskop li ma tiġix esegwita din il-piena jew il-miżura;

3. fejn persuna li hi s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' azzjoni kriminali hi ċittadina jew residenta ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-persuna, wara li tkun instemat, tiġi ritornata lill-Istat Membru ta' esekuzzjoni sabiex tiskonta hemmhekk il-piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni mogħtija lilha fl-Istat Membru emittenti.

*Artikolu 6*

**Determinazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti**

1. L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru emittenti li hi kompetenti biex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-liġi ta' dak l-Istat.

2. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni li hi kompetenti biex tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-liġi ta' dak l-Istat.

3. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bl-awtorità ġudizzjarja kompetenti taħt il-liġi tiegħu.

*Artikolu 7*

**Rikors lill-awtorità ċentrali**

1. Kull Stat Membru jista' jinnomina awtorità ċentrali jew, meta s-sistema legali tiegħu hekk tipprovdi, aktar minn awtorità ċentrali waħda biex tassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

2. Stat Membru jista', jekk ikun meħtieġ bħala riżultat ta' l-organizazzjoni tas-sistema ġudizzjarja interna tiegħu, jagħmel l-awtorità(jiet) ċentrali tiegħu responsabbli għat-trasmissjoni amministrattiva u l-wasla ta' mandati ta' arrest Ewropej kif ukoll għall-korrispondenza uffiċjali oħra kollha konnessa miegħu.

Stat Membru li jixtieq jagħmel użu mill-possibiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandu jikkomunika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill informazzjoni konnessa ma' l-awtorità ċentrali nominata jew l-awtoritajiet ċentrali nnominati. Dawn l-indikazzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti għall-awtoritajiet kollha ta' l-Istat Membru emittenti.

*Artikolu 8*

**Kontenut u forma tal-mandat ta' arrest Ewropew**

1. Il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja stabbilita skond il-formola li tinsab fl-Anness:

(a) l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna rikjesta;

(b) l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u l-fax u l-indirizz tal-posta elettronika ta' l-awtorità ġudizzjarja emittenti;

(c) l-indikazzjoni ta' l-eżistenza ta' sentenza esegwibbli, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 1 u 2;

(d) in-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-Artikolu 2;

(e) deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq ir-reat, inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat mill-persuna rikjesta;

(f) il-piena imposta, jekk hemm sentenza finali, jew l-iskala ta' pieni stabbilita għar-reat skond il-liġi ta' l-Istat Membru emittenti;

(g) jekk possibbli, konsegwenzi oħra tar-reat.

2. Il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi tradott fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni. Kwalunkwe Stat Membru jista', meta din id-Deċiżjoni Kwadru tiġi adottata jew f'data aktar tard, jiddikjara f'dikjarazzjoni depositata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li hu ser jaċċetta traduzzjoni f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali oħra ta' l-Istituzzjonijiet tal-Kommunitajiet Ewropej.

KAPITOLU 2

**PROĊEDURA TA' KONSENJA**

*Artikolu 9*

**Trasmissjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew**

1. Fejn il-post fejn tinsab il-persuna rikjesta hu magħruf, l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' tittrasmetti l-mandat ta' arrest Ewropew direttament lill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni.

2. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista', fi kwalunkwe każ, tiddeċiedi li toħroġ twissija għall-persuna rikjesta fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

3. Tali twissija għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 95 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni. Twissija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandha tkun ekwivalenti għal mandat ta' arrest Ewropew akkompanjat bl-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(1).

Għal perjodu transitorju, sakemm is-SIS tkun kapaċi titrasmetti l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 8, it-twissija għandha tkun ekwivalenti għal mandat ta' arrest Ewropew sakemm tasal għand l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni l-oriġinali fil-forma debita.

*Artikolu 10*

**Proċeduri dettaljati għat-trasmissjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew**

1. Jekk l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma tafx liema hi l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni kompetenti, għandha tagħmel l-inkjesti meħtieġa, inkluż permezz ta' punti ta' kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew [1], sabiex tikseb dik l-informazzjoni mill-Istat Membru ta' esekuzzjoni.

2. Jekk l-awtorità ġudizzjarja emittenti hekk tixtieq, it-trasmissjoni tista' ssir permezz tas-sistema ta' telekomunikazzjonijiet protetta tan-Network Ġudizzjarju Ewropew.

(1) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/428/ĠAI tad-29 ta' Ġunju 1998 rigward il-ħolqien ta' Network Ġudizzjarju Ewropew (ĠU L 191, 7.7.1998, p. 4).

3. Jekk mhuwiex possibbli li s-servizzi tas-SIS jiġu msejha, l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' ssejjaħ lill-Interpol biex jittrasmetti mandat ta' arrest Ewropew.

4. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' titrasmetti l-mandat ta' arrest Ewropew permezz ta' kwalunkwe mezz protett li jista' jipproduċi rekords bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat Membru ta' esekuzzjoni li jistabbilixxi l-awteniticità tiegħu.

5. Id-diffikultajiet kollha dwar it-trasmissjoni jew l-awtentiċità ta' kwalunkwe dokument meħtieġ għall-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom jiġu trattati b'kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji involuti, jew, fejn adatt, bl-involviment ta' l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri.

6. Jekk l-awtorità li tirċievi mandat ta' arrest Ewropew mhijiex kompetenti biex taġixxi fuqu, għandha awtomatikament titrasmetti l-mandat ta' arrest Ewropew lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tagħha u għandha tinforma lill-awtorità ġudizzjarja emittenti kif meħtieġ.

*Artikolu 11*

**Drittijiet ta' persuna rikjesta**

1. Meta persuna rikjesta tiġi arrestata, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni kompetenti għandha, skond il-liġi nazzjonali tagħha, tinforma lil dik il-persuna bil-mandat ta' arrest Ewropew u bil-kontenut tiegħu, u wkoll bil-possibbiltà li tagħti l-kunsens għall-konsenja lill-awtorità ġudizzjarja emittenti.

2. Persuna rikjesta li tiġi arrestata għall-fini ta' l-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandu jkollha d-dritt li tkun assistita minn avukat u minn interpretu skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni.

*Artikolu 12*

**Iż-żamma tal-persuna f'detenzjoni**

Meta persuna tiġi arrestata abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-persuna rikjesta għandhiex tibqa' f'detenzjoni, skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni. Il-persuna tista' tiġi meħlusa proviżorjament fi kwalunkwe ħin f'konformità mal-liġi domestika ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tieħu l-miżuri kollha li tikkunsidra meħtieġa biex tippreveni li l-persuna taħrab.

*Artikolu 13*

**Kunsens għall-konsenja**

1. Jekk il-persuna arrestata tindika li tagħti l-kunsens tagħha għall-konsenja, dak il-kunsens u, jekk adatt, rinunzja espressa għall-benefiċċju tar-"regola ta' l-ispeċjalità", imsemmija fl-Artikolu 27(2), għandhom jingħataw quddiem l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni, skond il-liġi domestika ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-kunsens u, fejn adatt, ir-rinunzja, kif imsemmija fil-paragrafu 1, ikunu stabbiliti b'tali mod li juri li l-persuna kkonċernata tathom volontarjament u f'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak il-għan, il-persuna rikjesta għandu jkollha d-dritt għal avukat.

3. Il-kunsens u, fejn adatt, ir-rinunzja, kif imsemmija fil-paragrafu 1, għandhom ikunu rreġistrati formalment skond il-proċedura stabbilita mil-liġi domestika ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni.

4. Fil-prinċipju, il-kunsens ma jistax jiġi rrevokat. Kull Stat Membru jista' jipprevedi li l-kunsens u, jekk adatt, ir-renunzja jistgħu jiġu rrevokati, skond ir-regoli applikabbli taħt il-liġi domestika tiegħu. F'dan il-każ, il-perjodu bejn id-data tal-kunsens u dik tar-revoka tiegħu m'għandux jiġi kkunsidrat fl-istabbiliment tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 17. Stat Membru li jixtieq li jkollu rikors għal din il-possibbiltà għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kif meħtieġ meta din id-Deċiżjoni Kwadru tiġi adottata u għandu jispeċifika l-proċeduri li permezz tagħhom għandha tkun possibbli r-revoka tal-kunsens u kwalunkwe emenda għalihom.

*Artikolu 14*

**Smigħ tal-persuna rikjesta**

Fejn il-persuna arrestata ma tagħtix kunsens għall-konsenja tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 13, hija għandha tkun intitolata li tinstema' mill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni, skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni.

*Artikolu 15*

**Deċiżjoni dwar il-konsenja**

1. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi, fil-limiti ta' żmien u taħt il-kondizzjonijiet definiti f'din id-Deċiżjoni Kwadru, jekk il-persuna għandhiex tiġi kkonsenjata.

2. Jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni ssib li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru emittenti mhijiex suffiċjenti biex tiddeċiedi dwar il-konsenja, għandha titlob li l-informazzjoni supplementarja meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-Artikoli 3 sa 5 u l-Artikolu 8, tiġi mogħtija bħala kwistjoni ta' urġenza u tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien għall-wasla tagħha, waqt li tittieħed f'konsiderazzjoni l-ħtieġa li jkunu mħarsin il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 17.

3. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' fi kwalunkwe ħin titrasmetti kwalunkwe informazzjoni utli addizjonali lill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni.

*Artikolu 16*

**Deċiżjoni fil-każ ta' iżjed minn talba waħda**

1. Jekk żewġ Stati Membri jew aktar ħarġu mandati ta' arrest Ewropej għall-istess persuna, id-deċiżjoni dwar liema mill-mandati ta' arrest Ewropej għandhom jiġu esegwiti għandha tittieħed mill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni b'konsiderazzjoni debita taċ-ċirkostanzi kollha u speċjalment is-serjetà relativa u l-post tar-reati, id-dati rispettivi tal-mandati ta' arrest Ewropej u jekk il-mandat inħariġx għall-finijiet tat-teħid ta' azzjoni kriminali jew għall-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista' titlob il-parir ta' l-Eurojust [1] biex tieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Fil-każ ta' kunflitt bejn mandat ta' arrest Ewropew u talba għall-estradizzjoni ppreżentata minn pajjiż terz, id-deċiżjoni dwar jekk il-mandat ta' arrest Ewropew jew it-talba għall-estradizzjoni jieħdux preċedenza għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni b'konsiderazzjoni debita taċ-ċirkostanzi kollha, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-paragrafu 1 u dawk imsemmija fil-konvenzjoni applikabbli.

4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri taħt l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

*Artikolu 17*

**Limiti ta' żmien u proċeduri għad-deċiżjoni ta' l-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew**

1. Mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi ttrattat u esegwit b'urġenza.

2. F'każijiet fejn il-persuna rikjesta tagħti l-kunsens għall-konsenja tagħha, id-deċiżjoni finali dwar l-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandha tittieħed f'perjodu ta' 10 ijiem mill-għoti tal-kunsens.

3. F'kazijiet oħra, id-deċiżjoni finali dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandha tittieħed f'perjodu ta' 60 jum wara l-arrest tal-persuna rikjesta.

4. Fejn f'każijiet speċifiċi l-mandat ta' arrest Ewropew ma jistax jiġi esegwit fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 3, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja emittenti b'dan, u tagħti r-raġunijiet għad-dewmien. F'dan il-każ, il-limiti ta' żmien jistgħu jiġu estiżi b' 30 jum ieħor.

5. Sakemm l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni finali dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, hija għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet materjali meħtieġa għall-konsenja effettiva tal-persuna jibqgħu sodisfatti.

6. Għandhom jingħataw raġunijiet għal kwalunkwe ċaħda għall-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew.

7. Fejn f'ċirkostanzi eċċezzjonali Stat Membru ma jistax iħares il-limiti ta' żmien previsti f'dan l-Artikolu, huwa għandu jinforma lill-Eurojust, waqt li jagħti r-raġunijiet għad-dewmien. Barra dan, Stat Membru li esperjenza dewmien ripetut min-naħa ta' Stat Membru ieħor fl-esekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej għandu jinforma lill-Kunsill bil-għan li tiġi evalwata l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru fil-livell ta' l-Istati Membri.

*Artikolu 18*

**Sitwazzjoni sakemm tittieħed id-deċiżjoni**

1. Fejn il-mandat ta' arrest Ewropew inħareġ għall-fini tat-tmexxija ta' proċedimenti kriminali, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha:

(a) jew taqbel li l-persuna rikjesta għandha tinstema' skond l-Artikolu 19;

(b) jew taqbel għat-trasferiment temporanju tal-persuna rikjesta.

2. Il-kondizzjonijiet u t-tul tat-trasferiment temporanju għandhom ikunu stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti u dawk ta' esekuzzjoni.

3. Fil-każ ta' trasferiment temporanju, il-persuna għandha tkun tista' tirritorna lejn l-Istat Membru ta' esekuzzjoni sabiex tattendi smigħ dwarha bħala parti mill-proċedura ta' konsenja.

*Artikolu 19*

**Smigħ tal-persuna sakemm tittieħed id-deċiżjoni**

1. Il-persuna rikjesta għandha tinstema' minn awtorità ġudizzjarja, assistita minn persuna oħra nominata skond il-liġi ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjedenti.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

2. Il-persuna rikjesta għandha tinstema' skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni u bil-kondizzjonijiet stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti u dawk ta' esekuzzjoni.

3. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni kompetenti tista' tinkariga awtorità ġudizzjarja oħra ta' l-Istat Membru tagħha biex tieħu sehem fis-smigħ tal-persuna rikjesta sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni adatta ta' dan l-Artikolu u tal-kondizzjonijiet stabbiliti.

*Artikolu 20*

**Privileġġi u immunitajiet**

1. Fejn il-persuna rikjesta tgawdi minn privileġġ jew immunità fir-rigward ta' ġurisdizzjoni jew esekuzzjoni fl-Istat Membru ta' esekuzzjoni, il-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 17 għandhom jibdew jiddekorru biss jekk, u mill-jum meta, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tiġi infurmata bil-fatt li l-privileġġ jew l-immunità ġew rinunzjati.

L-Istat Membru ta' esekuzzjoni għandu jiżgura li l-kondizzjonijiet materjali meħtieġa għall-konsenja effettiva huma sodisfatti meta l-persuna ma tibqax tgawdi minn dan il-privileġġ jew l-immunità.

2. Fejn il-poter li jiġu rinunzjati l-privileġġ jew l-immunità huwa ta' awtorità ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha titolbu jeserċita dak il-poter minnufih. Fejn il-poter li jiġu rinunzjati l-privileġġ jew l-immunità huwa ta' awtorità ta' Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali, għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja emittenti li titolbu jeserċita dak il-poter.

*Artikolu 21*

**Kunflitt ta' obbligi internazzjonali**

Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex tkun ta' preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni fejn il-persuna rikjesta ġiet estradita lejn dak l-Istat Membru minn Pajjiż terz u fejn dik il-persuna hi protetta minn dispożizzjonijiet ta' l-arranġament dwar l-ispeċjalità skond liema l-persuna kienet estradita. L-Istat Membru ta' esekuzzjoni għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għat-talba minnufih tal-kunsens ta' l-Istat li minnu ġiet estradita l-persuna rikjesta biex il-persuna tista' tiġi konsenjata lill-Istat Membru li ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew. Il-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 17 m'għandhomx jibdew jiddekorru sal-jum li fiha ma jibqgħux japplikaw dawn ir-regoli ta' l-ispeċjalità. Sakemm tittieħed id-deċiżjoni ta' l-Istat li minnu kienet estradita l-persuna rikjesta, l-Istat Membru ta' esekuzzjoni jiżgura li l-kondizzjonijiet materjali meħtieġa għall-konsenja effettiva jibqaw sodisfatti.

*Artikolu 22*

**Notifika tad-deċiżjoni**

L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tinnotifika immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja emittenti bid-deċiżjoni dwar l-azzjoni li għandha tittieħed dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

*Artikolu 23*

**Limiti ta' żmien għall-konsenja tal-persuna**

1. Il-persuna rikjesta għandha tiġi konsenjata malajr kemm jista' jkun f'data miftehma bejn l-awtoritajiet ikkonċernati.

2. Il-persuna għandha tiġi konsenjata mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-deċiżjoni finali dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

3. Jekk il-konsenja tal-persuna rikjesta fil-perjodu stabbilit fil-paragrafu 2 ma tħallietx minħabba ċirkostanzi li mhumiex fil-kontroll ta' l-ebda mill-Istati Membri, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' esekuzzjoni u dawk emittenti għandhom jagħmlu immedjatament kuntatt ma' xulxin u jiftehmu dwar data ta' konsenja ġdida. F'dak il-każ, il-konsenja għandha ssir fi żmien 10 ijiem mid-data l-ġdida hekk miftehma.

4. Il-konsenja tista' eċċezzjonalment tiġi posposta temporanjament għal raġunijiet umanitarji serji, per eżempju jekk hemm raġunijiet sostanzjali biex jitwemmen li dan ipoġġi manifestament f'perikolu l-ħajja jew is-saħħa tal-persuna rikjesta. L-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandha sseħħ malli dawn ir-raġunijiet ma jibqgħux jezistu. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja emittenti u tiftiehem fuq data ta' konsenja ġdida. F'dak il-każ, il-konsenja għandha seħħ fi żmien 10 ijiem mid-data l-ġdida hekk miftiehma.

5. Ma' l-iskadenza tal-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 2 sa 4, jekk il-persuna għadha qed tinżamm f'kustodja hija għandha tinheles.

*Artikolu 24*

**Konsenja posposta jew kondizzjonali**

1. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista', wara li tiddeċiedi li tesegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, tipposponi l-konsenja tal-persuna rikjesta biex il-persuna tkun tista' tiġi pproċessata fl-Istat Membru ta' esekuzzjoni jew, jekk hi diġà ġiet mogħtija sentenza, sabiex tkun tista' tiskonta, fit-territorju tagħha, sentenza mogħtija għal att minbarra dak imsemmi fil-mandat ta' arrest Ewropew.

2. Minflok tipposponi l-konsenja, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista' tikkonsenja temporanjament il-persuna rikjesta

lill-Istat Membru emittenti skond kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' esekuzzjoni u dawk emittenti. Il-ftehim isir bil-miktub u l-kondizzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti għall-awtoritajiet kollha fl-Istat Membru emittenti.

*Artikolu 25*

**Transitu**

1. Kull Stat Membru għandu, ħlief meta jagħmel użu mill-possibbiltà ta' rifjut meta t-transitu ta' ċittadin jew resident hu meħtieġ għall-fini ta' esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, jippermetti t-transitu mit-territorju tiegħu ta' persuna rikjesta li qed tiġi konsenjata bil-kondizzjoni li tkun ġiet mogħtija informazzjoni dwar:

(a) l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna soġġetta għall-mandat ta' arrest Ewropew;

(b) l-eżistenza ta' mandat ta' arrest Ewropew;

(c) in-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat;

(d) id-deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi tar-reat, inklużi d-data u l-post.

Fejn persuna li hi s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' azzjoni kriminali hija ċittadina jew residenta ta' l-Istat Membru ta' transitu, it-transitu jista' jkun soġġett għall-kondizzjoni li l-persuna, wara li tkun instemat, tiġi ritornata lejn l-Istat Membru ta' transitu biex tiskonta l-piena ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni mogħtija lilha fl-Istat Membru emittenti.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità responsabbli li tirċievi rikjesti għat-transitu u d-dokumenti meħtieġa, kif ukoll kwalunkwe korrispondenza uffiċjali oħra konnessa ma' rikjesti għat-transitu. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din in-nomina lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

3. Ir-rikjesta għat-transitu u l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu indirizzati lill-awtorità nnominata skond il-paragrafu 2 bi kwalunkwe mezz li jista' jipproduċi rekord bil-miktub. L-Istat Membru ta' transitu għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu bl-stess proċedura.

4. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma tapplikax fil-każ ta' trasport bl-ajru mingħajr waqfa skedata. Madankollu, jekk ikun hemm inżul mhux skedat, l-Istat Membru emittenti għandu jipprovdi lill-awtorità nnominata skond il-paragrafu 2 bl-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1.

5. Fejn transitu jinvolvi persuna li għandha tiġi estradita minn pajjiż terz lejn Stat Membru dan l-Artikolu japplika *mutatis mutandis*. B'mod partikolarment l-espressjoni "mandat ta' arrest Ewropew" għandha tkun ikkunsidrata li hi mibdula bi "talba għall-estradizzjoni".

KAPITOLU 3

**EFFETTI TAL-KONSENJA**

*Artikolu 26*

**Tnaqqis fil-perjodu ta' detenzjoni skontat fl-Istat Membru ta' esekuzzjoni**

1. L-Istat Membru emittenti għandu jnaqqas il-perjodi kollha ta' detenzjoni li jirriżultaw mill-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew mill-perjodu totali ta' detenzjoni li għandu jiġi skontat fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat bħala riżultat ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni li qed tingħata.

2. Għal dak il-għan, l-informazzjoni kollha dwar it-tul tad-detenzjoni tal-persuna rikjesta abbażi tal-mandat ta' arrest Ewropew għandha tkun trasmessa mill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni jew l-awtorità ċentrali nnominata skond l-Artikolu 7 lill-awtorità ġudizzjarja emittenti fil-ħin tal-konsenja.

*Artikolu 27*

**Azzjoni kriminali possibbli għal reati oħra**

1. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħra li taw l-istess notifika, il-kunsens hu kkunsidrat li ġie mogħti għall-azzjoni kriminali, l-għoti ta' sentenza jew id-detenzjoni bil-għan li tiġi skontata piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha, barra dak li għaliha ġiet konsenjata, sakemm f'każ partikolari l-awtorità ġudizzjaraja ta' esekuzzjoni ma tiddikjarax mod ieħor fid-deċiżjoni tagħha dwar il-konsenja.

2. Ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, persuna konsenjata ma tistax tiġi pproċessata, mogħtija sentenza jew b'xi mod ieħor miċħuda mil-libertà tagħha għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha minbarra dak li għalih ġiet konsenjata l-persuna.

3. Il-paragrafu 2 ma japplikax fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-persuna wara li kellha l-opportunità biex titlaq mit-territorju ta' l-Istat Membru li lilu ġiet konsenjata m'għamlitx hekk fi żmien 45 jum mill-ħelsien finali tagħha, jew irritornat f'dak it-territorju wara li telqet minnu;

(b) ir-reat mhuwiex punibbli b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni;

(c) il-proċedimenti kriminali ma jikkawżawx l-applikazzjoni ta' miżura ta' restrizzjoni għal-libertà personali;

(d) meta l-persuna setgħet tkun soġġetta għal piena jew miżura li ma tinvolvix iċ-ċaħda tal-libertà personali, b'mod partikolari piena finanzjarja jew miżura minflok din, ukoll jekk il-piena jew il-miżura tista' tikkawża restrizzjoni tal-libertà personali:

(e) meta l-persuna tat il-kunsens biex tiġi konsenjata, fejn adatt fl-istess ħin li hi rrinunzjat għar-regola ta' l-ispeċjalità, skond l-Artikolu 13;

(f) meta l-persuna, wara l-konsenja tagħha, irrinunzjat espressament għall-benefiċċju tar-regola ta' l-ispeċjalità fir-rigward ta' reati speċifiċi qabel il-konsenja tagħha. Ir-rinunzja għandha tiġi mogħtija quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' l-Istat Membru emittenti u għandha tiġi rreġistrata skond il-liġi domestika ta' dak l-Istat. Ir-rinunzja għandha titfassal b'tali mod li jkun magħmul ċar li l-persuna għamlitha volontarjament u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak il-għan, il-persuna għandu jkollha d-dritt għal avukat;

(g) fejn l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni li kkonsenjat il-persuna tagħti l-kunsens tagħha skond il-paragrafu 4.

4. Talba għal kunsens għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni, flimkien ma' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) u traduzzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 8(2). Il-kunsens għandu jingħata meta r-reat li għalih hu mitlub hu stess hu soġġett għall-konsenja skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-kunsens għandu jiġi rrifjutat għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u barra minn hekk jista' jiġi rrifjutat biss għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 4. Id-deċiżjoni għandha tiġi meħuda mhux aktar tard minn 30 jum wara l-wasla tat-talba.

Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 l-Istat Membru emittenti għandu jagħti l-garanziji previsti fih.

*Artikolu 28*

**Konsenja jew estradizzjoni sussegwenti**

1. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħra li taw l-istess notifika, il-kunsens għall-konsenja ta' persuna lil Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' esekuzzjoni skond mandat ta' arrest Ewropew li nħareġ għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha hu kkunsidrat li ngħata, ħlief jekk f'każ partikolari l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tiddikjara mod ieħor fid-deċiżjoni tagħha dwar il-konsenja.

2. Fi kwalunkwe każ, persuna li ġiet konsenjata lill-Istat Membru emittenti skond mandat ta' arrest Ewropew tista', mingħajr il-kunsens ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, tiġi konsenjata lil Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' esekuzzjoni skond mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għal kwalunkwe reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn il-persuna rikjesta, li kellha opportunità biex titlaq mit-territorju ta' l-Istat Membru li lilu ġiet konsenjata, m'għamlitx hekk fi żmien 45 jum mill-ħelsien finali tagħha, jew irritornat lejn dak it-territorju wara li telqet minnu;

(b) fejn il-persuna rikjesta tagħti l-kunsens biex tiġi konsenjata lil Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' esekuzzjoni skond mandat ta' arrest Ewropew. Il-kunsens għandu jingħata quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' l-Istat Membru emittenti u għandu jkun reġistrat skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat. Huwa għandu jkun imwassal b'tali mod li jkun ċar li l-persuna kkonċernata tatu volontarjament u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak il-għan, il-persuna rikjesta għandu jkollha d-dritt għal avukat;

(c) fejn il-persuna rikjesta mhijiex soġġetta għar-regola ta' l-ispeċjalità, skond l-Artikolu 27(3)(a), (e), (f) u (g).

3. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tagħti l-kunsens għall-konsenja lil Stat Membru ieħor skond ir-regoli li ġejjin:

(a) it-talba għall-kunsens għandha tiġi ppresentata skond l-Artikolu 9, flimkien ma' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) u t-traduzzjoni kif iddikjarat fl-Artikolu 8(2);

(b) il-kunsens għandu jingħata meta r-reat li għalih hu mitlub hu fih innifsu soġġett għal konsenja skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru;

(c) id-deċiżjoni għandha tittieħed mhux iktar tard minn 30 jum wara l-wasla tat-talba;

(d) il-kunsens għandu jiġi rrifjutat għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u barra minn hekk jista' jiġi rrifjutat biss għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 4.

Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-Istat Membru emittenti għandu jagħti l-garanziji previsti fih.

4. Minkejja l-paragrafu 1, persuna li ġiet konsenjata skond mandat ta' arrest Ewropew m'għandhiex tiġi estradita lejn Stat terz mingħajr il-kunsens ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li kkonsenja l-persuna. Dan il-kunsens għandu jingħata skond il-Konvenzjonijiet li bihom dak l-Istat Membru hu marbut, kif ukoll il-liġi domestika tiegħu.

*Artikolu 29*

**Konsenja ta' proprjetà**

1. Fuq it-talba ta' l-awtorità ġudizzjarja emittenti jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha, skond il-liġi nazzjonali tagħha, taqbad u tikkonsenja l-proprjetà li:

(a) tista' tkun meħtieġa bħala evidenza, jew

(b) ġiet akkwistata mill-persuna rikjesta bħala riżultat tar-reat.

2. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi konsenjata anki jekk il-mandat ta' arrest Ewropew ma jistax jitwettaq minħabba fil-mewt jew il-ħarba tal-persuna rikjesta.

3. Jekk il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi maqbuda jew konfiskata fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, dan ta' l-aħħar jista', jekk il-proprjetà hi meħtieġa b'konnessjoni ma' proċedimenti kriminali pendenti, iżommha temporanjament jew jikkonsenjaha lill-Istat Membru emittenti, bil-kondizzjoni li tiġi ritornata.

4. Kwalunkwe drittijiet li l-Istat Membru ta' esekuzzjoni jew li partijiet terzi jistgħu jkunu akkwistaw fil-proprjetà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ppreservati. Fejn jeżistu dawn id-drittijiet, l-Istat Membru emittenti għandu jirritorna l-proprjetà mingħajr ħlas lill-Istat Membru ta' esekuzzjoni malli jintemmu l-proċedimenti kriminali.

*Artikolu 30*

**Spejjeż**

1. L-ispejjeż li saru fit-territorju ta' Stat Membru ta' esekuzzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandhom jitħallsu minn dak l-Istat Membru.

2. L-ispejjeż oħra kollha għandhom jitħallsu mill-Istat Membru emittenti.

KAPITOLU 4

**DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 31*

**Relazzjoni ma' strumenti legali oħra**

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom f'relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u Stati terzi, din id-Deċiżjoni Kwadru għandha, mill-1 ta' Jannar 2004, tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-konvenzjonijiet li ġejjin applikabbli fil-qasam ta' l-estradizzjoni f'relazzjonijiet bejn l-Istati Membri:

(a) il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957, il-protokoll addizzjonali tagħha tal-15 ta' Ottubru 1975, it-tieni protokoll addizzjonali tagħha tas-17 ta' Marzu 1978, u l-Konvenzjoni Ewropea dwar it-trażżin tat-terroriżmu tas-27 ta' Jannar 1977 safejn hi kkonċernata l-estradizzjoni;

(b) il-Ftehim bejn it-12-il Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-simplifikazzjoni u l-modernizazzjoni ta' metodi tat-trasmissjoni ta' talbiet ta' estradizzjoni tas-26 ta' Mejju 1989;

(c) il-Konvenzjoni ta' l-10 ta' Marzu 1995 dwar proċedura simplifikata ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

(d) il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

(e) it-Titolu III, Kapitolu 4 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni.

2. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw strumenti ta' ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali fis-seħħ meta din id-Deċiżjoni Kwadru hi adottata safejn dawn l-istrumenti ta' ftehim jew arranġamenti jippermettu li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jiġu estiżi jew imwessa' u jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għall-konsenja ta' persuni li huma s-suġġett ta' mandati ta' arrest Ewropej.

L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu strumenti ta' ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali wara li din id-Deċiżjoni Kwadru tkun daħlet fis-seħħ safejn dawn l-istrumenti ta' ftehim jew arranġamenti jippermettu li l-provvedimenti ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jkunu estiżi jew imwessgħa u jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għall-konsenja ta' persuni li huma s-suġġett ta' mandati ta' arrest Ewropej, b'mod partikolari billi jistabbilixxu limiti ta' żmien iżjed qosra minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 17, billi jestendu l-lista ta' reati stabbiliti fl-Artikolu 2(2), billi jillimitaw aktar ir-raġunijiet għaċċaħda stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, jew billi jnaqqsu l-limitu previst fl-Artikolu 2(1) jew (2).

L-istrumenti ta' ftehim u l-arranġamenti msemmija fit-tieni subparagrafu fl-ebda każ ma jistgħu jaffetwaw ir-relazzjonijiet ma' Stati Membri li mhumiex partijiet għalihom.

L-Istati Membri għandhom, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bl-istrumenti ta' ftehim u l-arranġamenti eżistenti msemmija fl-ewwel subparagrafu li jixtiequ jkomplu japplikaw.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ftehim jew arranġament ġdid imsemmi fit-tieni subparagrafu, fi żmien tliet xhur mill-iffirmar tiegħu.

3. Fejn il-konvenzjonijiet jew l-istrumenti ta' ftehim imsemmija fil-paragrafu 1 japplikaw għat-territorji ta' Stati Membri jew għat-territorji li għalihom Stat Membru jassumi l-kompetenza għar-relazzjonijiet esterni li għalihom din id-Deċiżjoni Kwadru ma tapplikax, dawn l-istrumenti għandhom ikomplu jirregolaw ir-relazzjonijiet eżistenti bejn dawk it-territorji u l-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 32*

**Dispożizzjoni transitorja**

1. It-talbiet għall-estradizzjoni riċevuti qabel l-1 ta' Jannar 2004 jkomplu jkunu rregolati minn istrumenti eżistenti dwar l-estradizzjoni. It-talbiet riċevuti wara dik id-data jkunu rregolati mir-regoli adottati mill-Istati Membri skond din id-Deċiżjoni Kwadru. Madankollu, kwalunkwe Stat Membru jista', fil-ħin ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru mill-Kunsill, jagħmel dikjarazzjoni li tindika li bħala Stat Membru ta' esekuzzjoni hu ser ikompli jittratta talbiet dwar atti mwettqin qabel data li jispeċifika skond is-sistema ta' estradizzjoni applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2004. Id-data in kwistjoni ma tistax tkun aktar tard mis-7 ta' Awissu 2002. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin.

*Artikolu 33*

**Dispożizzjonijiet dwar l-Awstrija u Ġibiltà**

1. Sakemm l-Awstrija ma tkunx modifikat l-Artikolu 12(1) ta' l-"Auslieferungs-und Rechtshilfegesetz" u, l-aktar tard, sal-31 ta' Diċembru 2008, tista' tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' esekuzzjoni tagħha jirrifjutaw l-infurzar ta' mandat ta' arrest Ewropew jekk il-persuna rikjesta hija ċittadina Awstrijaka u jekk l-att li għalih inħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew mhuwiex punibbli taħt il-liġi Awstrijaka.

2. Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tapplika għal Ġibiltà.

*Artikolu 34*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħarsu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru sal-31 ta' Diċembru 2003.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Kwadru. Meta qed jagħmel dan, kull Stat Membru jista' jindika li ser japplika immedjatament din id-Deċiżjoni Kwadru fir-relazzjoniiet tiegħu ma' dawk l-Istati Membri li taw l-istess notifika.

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jikkomunika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni l-informazzjoni riċevuta skond l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 13(4) u l-Artikolu 25(2). Huwa għandu wkoll jippubblika l-informazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

3. Abbażi ta' l-informazzjoni kkomunikata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2004, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti leġislattivi.

4. Il-Kunsill għandu fit-tieni nofs ta' l-2003 jmexxi reviżjoni, b'mod partikolari ta' l-applikazzjoni prattika, tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru mill-Istati Membri kif ukoll il-funzjonament tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

*Artikolu 35*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Ġunju 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. RAJOY BREY

*ANNESS*

**MANDAT TA' ARREST EWROPEW** ([1])

Dan il-mandat inħareġ minn awtorità ġudizzjarja kompetenti. Nitlob li l-persuna msemmija hawn taħt tiġi arrestata u konsenjata għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

([1]) Dan il-mandat għandu jinkiteb, jew jiġi tradott f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, fejn dak l-Istat Membru jkun magħruf, jew fi kwalunkwe lingwa oħra aċċettata minn dak l-Istat.

(a) Informazzjoni dwar l-identità tal-persuna rikjesta: ....................

Kunjom: ....................

Isem(ismijiet): ....................

Kunjom ta' qabel iż-żwieġ, fejn applikabbli: ....................

Ismijiet fittizji, fejn applikabbli: ....................

Sess: ....................

Nazzjonalità: ....................

Data tat-twelid: ....................

Post tat-twelid: ....................

Residenza u/jew indirizz magħruf: ....................

Lingwa/i li l-peruna rikjesta tifhem (jekk magħrufa): ....................

....................

Marki distintivi/deskrizzjoni tal-persuna rikjesta: ....................

....................

Ritratt u marki tas-swaba' tal-persuna rikjesta, jekk ikunu disponibbli u jistgħu jiġu trasmessi, jew dettalji ta' kuntatt tal-persuna li għandha tiġi kkuntattjata sabiex tinkiseb dik l-informazzjoni jew profil tad-DNA (fejn din il-prova tista' tiġi mogħtija iżda ma ġietx inkluża)

(b) Deċiżjoni li fuqha huwa bbażat il-mandat: ....................

1. Mandat ta' arrest jew deċiżjoni ġudizzjarja li jkollha l-istess effett: ....................

   Tip: ....................

2. Sentenza esegwibbli: ....................

   ....................

   Referenza: ....................

(c) Indikazzjonijiet dwar it-tul tal-piena:

1. Tul massimu tal-piena ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni li tista' tiġi imposta għar-reat(i):

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

2. Tul tal-piena ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni imposta:

.....................................................................................................................................................

Piena li għad trid tiġi skontata: .....................................................................................................

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

(d) Deċiżjoni mogħtija in absentia u:

— il-persuna in kwistjoni ġiet imsejħa personalment jew informata mod ieħor bid-data u l-post tas-smigħ li wassal għad-deċiżjoni mogħtija in absentia,

jew

— il-persuna in kwistjoni ma ġietx imsejħa personalment jew informata mod ieħor bid-data u l-post tas- smigħ li wassal għad-deċiżjoni mogħtija in absentia iżda għandha l-garanziji legali li ġejjin wara l-konsenja (dawn il-garanziji jistgħu jiġu mogħtija bil-quddiem)

Speċifika l-garanziji legali

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

(e) Reati:

Dan il-mandat jirrigwarda fit-total: .................................................. reat(i).

Deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq/twettqu r-reat(i), inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat(i) mill-persuna rikjesta:

..................................................

..................................................

..................................................

Natura u klassifikazzjoni legali tar-reat(i) u d-dispożizzjoni legali applikabbli:

..................................................

..................................................

..................................................

..................................................

I. Jekk applikabbli, immarka wieħed jew aktar mir-reati li ġejjin punibbli fl-Istat Membru emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' mill-inqas 3 snin kif definit mil-liġijiet ta' l-Istat Membru emittenti:

☐ parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;
☐ terroriżmu;
☐ traffikar ta' bnedmin;
☐ sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal;
☐ traffikar illeċitu fi drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi;
☐ traffikar illeċitu f'armi, munizzjon u splossivi;
☐ korruzzjoni;
☐ frodi, inkluż dak li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fit-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;
☐ laundering ta' flus li ġejjin minn reati;
☐ falsifikar ta' muniti, inkluża l-euro;
☐ reati konnessi ma' l-informatika;
☐ reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċi ta' annimali li huma fil-perikolu li jinqerdu u fi speċi u varjietajiet ta' pjanti li huma fil-perikolu li jinqerdu;
☐ faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati;
☐ qtil volontarju, offiżi gravi fuq il-persuna;
☐ kummerċ illeċitu f'organi u tessuti umani;
☐ ħtif tan-nies, restrizzjoni illegali u ħtif ta' ostaġġi;
☐ razziżmu u ksenofobija;
☐ serq organizzat jew bl-użu ta' armi;
☐ traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi l-antikitajiet u xogħlijiet ta' l-arti;
☐ frodi;
☐ intrigi ta' qerq u estorsjoni;
☐ falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti;
☐ falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u trafikar tagħhom;
☐ falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament;
☐ traffikar illeċitu f'sustanzi ormonali u affarijiet oħra li jippromovu l-iżvilupp;
☐ traffikar illeċitu f'materjali nukleari jew radjoattivi;
☐ traffikar f'vetturi misruqa;
☐ stupru;
☐ ħruq volontarju;
☐ reati li jaqaw fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
☐ qbid illegali ta' inġenji ta' l-ajru/bastimenti;
☐ sabotaġġ.

II. Deskrizzjonijiet sħaħ tar-reat(i) mhux kopert(i) mit-taqsima I hawn fuq:

..................................................

..................................................

(f) Ċirkostanzi oħra rilevanti għall-każ (informazzjoni fakultattiva):

*(NB: Dan jista' jkopri kummenti dwar l-extraterritorjalità, l-interruzzjoni ta' perjodi ta' limitazzjoni taż-żmien u konsegwenzi oħra tar-reat)*

..............................................................................................................................................................

..............................................................................................................................................................

(g) Dan il-mandat hu rilevanti wkoll għall-qbid u l-konsenja ta' proprjetà li tista' tkun meħtieġa bħala prova:

Dan il-mandat hu rilevanti wkoll għall-qbid u l-konsenja ta' proprjetà akkwistata mill-persuna rikjesta bħala riżultat tar-reat:

Deskrizzjoni tal-proprjetà (u l-lokalità) (jekk magħrufa):

..............................................................................................................................................................

..............................................................................................................................................................

..............................................................................................................................................................

(h) Ir-reat(i) li abbażi tiegħu/tagħhom inħareġ dan il-mandat hu (huma) punibbli minn/wasal (waslu) għal piena ta' kustodja għall-ħajja jew ordni ta' detenzjoni għall-ħajja:

— is-sistema legali ta' l-Istat Membru emittenti tippermetti reviżjoni tal-piena jew tal-miżura imposta - fuq talba jew mill-inqas wara 20 sena - bil-għan li din il-piena jew il-miżura ma tiġix esegwita,

u/jew

— is-sistema legali ta' l-Istat Membru emittenti tippermetti l-applikazzjoni ta' miżuri ta' klemenza li għalihom il-persuna hi intitolata taħt il-liġi jew il-prattika ta' l-Istat Membru emittenti, bil-għan li din il-piena jew il-miżura ma tiġix esegwita.

(i) L-awtorità ġudizzjarja li ħarġet il-mandat:

Isem uffiċjali:

Isem tar-rappreżentant tagħha ([1]): ..............................................................................................

..............................................................................................................................................................

Posiżżjoni (titolu/grad): ......................................................................................................................

..............................................................................................................................................................

Referenza tal-fajl: ................................................................................................................................

Indirizz: ..............................................................................................................................................

..............................................................................................................................................................

Tel: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) (…) ..........................................................................

Fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) (…) .........................................................................

Posta elettronika: ................................................................................................................................

Dettalji ta' kuntatt tal-peruna li għandha tiġi kkuntattjata biex isiru l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-konsenja:

..............................................................................................................................................................

([1]) Fil-verżjonijiet lingwistiċi varji ser tiġi inkluża referenza għad-'detentur' ta' l-awtorità ġudizzjarja.

Fejn awtorità ċentrali ġiet magħmula responsabbli għat-trasmissjoni u r-riċevuta amministrattiva ta' mandati ta' arrest Ewropej:

Isem ta' l-awtorità ċentrali:

..........

Persuna ta' kuntatt, jekk applikabbli (titolu/grad u isem):

..........

Indirizz: ..........

..........

Tel: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) (…) ..........

Fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) (…) ..........

Posta elettronika: ..........

Firma ta' l-awtorità ġudizzjarja emittenti u/jew ir-rappreżentant tagħha:

..........

Isem: ..........

Pożizzjoni (titolu/grad): ..........

Data: ..........

Timbru uffiċjali (jekk disponibbli)

"

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.